// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 63

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

10 ta' Marzu 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/337 tat-2 ta' Marzu 2016 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Karlovarský suchar (IĠP)]** ..... 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/338 tad-9 ta' Marzu 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 3

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/339 tat-8 ta' Marzu 2016 dwar l-armonizzazzjoni tal-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz għal kollegamenti bil-vidjow mingħajr fili portabbli jew mobbli u għal kameras mingħajr fili li jintużaw għall-ħolqien ta' programmi u avvenimenti speċjali** *(notifikata bid-dokument C(2016) 1197)* ([1]) ..... 5

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 404/14/COL tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar l-Iskema ta' Inċentiv għall-Investiment fl-Iżlanda (L-Iżlanda) [2016/340]** ..... 9

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

**Rettifika**

★ **Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi** (ĠU L 395, 30.12.1989) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, kapitolu 6, Volum 1, paġna 246) .................. 44

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/337

**tat-2 ta' Marzu 2016**

**li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Karlovarský suchar (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tar-Repubblika Ċeka għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Karlovarský suchar", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 982/2007 ([2]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Billi l-Kummissjoni ma waslitilha l-ebda stqarrija ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* li tikkonċerna d-denominazzjoni "Karlovarský suchar" (IĠP) hija b'dan approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 982/2007 tal-21 ta' Awwissu 2007 li jintroduċi ċertu denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Pimentón de la Vera (DPO) — Karlovarský suchar (IĠP) — Riso di Baraggia Biellese e Vercellese (DPO)) (ĠU L 217, 22.8.2007, p. 22).
([3]) ĠU C 353, 24.10.2015, p. 6.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/338

## tad-9 ta' Marzu 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 236,2 |
| | MA | 100,3 |
| | TN | 112,1 |
| | TR | 102,5 |
| | ZZ | 137,8 |
| 0707 00 05 | MA | 84,5 |
| | TR | 159,7 |
| | ZZ | 122,1 |
| 0709 93 10 | MA | 66,7 |
| | TR | 154,8 |
| | ZZ | 110,8 |
| 0805 10 20 | EG | 43,7 |
| | IL | 77,0 |
| | MA | 53,6 |
| | TN | 56,9 |
| | TR | 64,2 |
| | ZZ | 59,1 |
| 0805 50 10 | MA | 108,5 |
| | TR | 88,9 |
| | ZZ | 98,7 |
| 0808 10 80 | CL | 93,0 |
| | CN | 66,5 |
| | US | 152,0 |
| | ZZ | 103,8 |
| 0808 30 90 | AR | 145,1 |
| | CL | 134,7 |
| | CN | 112,4 |
| | TR | 153,5 |
| | ZA | 90,6 |
| | ZZ | 127,3 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/339

**tat-8 ta' Marzu 2016**

**dwar l-armonizzazzjoni tal-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz għal kollegamenti bil-vidjow mingħajr fili portabbli jew mobbli u għal kameras mingħajr fili li jintużaw għall-ħolqien ta' programmi u avvenimenti speċjali**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 1197)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) L-użu tal-baned tal-frekwenzi 1 900-1 980 MHz, 2 010-2 025 MHz u 2 110-2 170 MHz (flimkien imsejħa "il-banda tat-2 GHz") kien jiġi kkoordinat bid-Deċiżjoni Nru 128/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Din id-Deċiżjoni skadiet fit-22 ta' Jannar 2003 iżda l-Istati Membri għadhom jużaw dan l-ispettru b'mod armonizzat.

(2) Sussegwentement, l-użu tas-sub-banda 1 920-1 980 MHz u 2 110-2 170 MHz akkoppjata ("il-banda terrestri akkoppjata tat-2 GHz") ġie armonizzat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/688/UE ([3]) biex jinżamm aġġornat mal-evoluzzjoni teknoloġika u mal-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi.

(3) Il-parti mhux akkoppjata tal-banda terrestri tat-2 GHz li tinkludi l-baned tal-frekwenzi 1 900-1 920 MHz u 2 010-2 025 MHz, li kienet ġiet allokata lill-operaturi tat-telefonija mobbli fl-Unjoni, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma ntużatx minn-networks tat-telefonija mobbli għal aktar minn għaxar snin u allura dan l-ispettru validu ma ntużax biżżejjed. Dan in-nuqqas ta' użu jiġġustifika miżuri ġodda ta' armonizzazzjoni li jiżguraw li l-ispettru jintuża b'mod effettiv u effiċjenti f'konformità mal-għanijiet tal-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju (l-RSPP) ([4]) pluriennali. Dawn il-miżuri b'mod partikolari huma intenzjonati biex ikun hemm spettru suffiċjenti li jappoġġa l-ħolqien ta' programmi u avvenimenti speċjali (PMSE), f'konformità mas-suq intern u mal-għan li jkun hemm aċċess għall-kultura u biex jiġu żviluppati l-protezzjoni ċivili u l-għajnuna fid-diżastri (PPDR).

(4) B'reazzjoni għall-mandat tal-Kummissjoni maħruġ fl-2011 skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE dwar il-kundizzjonijiet tekniċi għall-alternattivi tal-armonizzazzjoni tal-ispettru għall-mikrofoni tar-radju mingħajr fili u għall-kameras tal-vidjow mingħajr fili ([5]), il-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (CEPT) ippreżentat ir-rapport tagħha Nru 51 ([6]) li jqis il-banda tal-frekwenzi

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002 p. 1

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 128/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 1998 dwar l-introduzzjoni koordinata ta' sistema ta' komunikazzjonijiet mingħajr fili u mobbli (UMTS) tat-tielet ġenerazzjoni fil-Komunità (ĠU L 17, 22.1.1999, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/688/UE tal-5 ta' Novembru 2012 dwar l-armonizzazzjoni tal-meded tal-frekwenzi 1 920-1 980 MHz u 2 110-2 170 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Unjoni (ĠU L 307, 7.11.2012, p. 84).

([4]) Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).

([5]) Il-mandat lis-CEPT, datat il-15 ta' Diċembru 2011, RSCOM11-59 finali.

([6]) Dwar il-kundizzjonijiet tekniċi biex tkun żgurata l-operazzjoni sostenibbli tal-kameras tal-vidjo mingħajr fili, rapport approvat mill-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-ECC) fit-8 ta' Novembru 2013.

2 010-2 025 MHz u baned oħra tal-frekwenzi bħala spettru possibilment ġdid għall-kameras u l-kollegamenti bil-vidjow mingħajr fili, iżda dwar dan irid isir aktar studju. Għalhekk f'Ottubru 2012 ([1]), il-Kummissjoni ħarġet mandat ulterjuri lis-CEPT biex tistudja l-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-baned tal-frekwenzi 1 900-1 920 MHz u 2 010-2 025 MHz fl-UE. Konsegwentement fis-6 ta' Marzu 2015, is-CEPT ippubblikat ir-Rapport 52 ([2]) tagħha li jidentifika l-użi potenzjali alternattivi għal dawn il-baned terrestri mhux akkoppjati tat-2 GHz biex jiġu implimentati l-politiki identifikati mill-RSPP fir-rigward tal-PMSE u tal-PPDR.

(5) Kif jidentifika r-rapporti tas-CEPT, il-kategoriji tal-kollegamenti bil-vidjow mingħajr fili portabbli jew mobbli u tal-kameras mingħajr fili li jistgħu jintużaw għall-ħolqien ta' programmi u avvenimenti speċjali (il-PMSE bil-vidjow) fost l-oħrajn jistgħu jinkludu kameras mingħajr fili manwali jew inkella mmuntati bi trażmettituri integrati jew clip-on, provvisti tal-enerġija u antenni għal filmati bil-kwalità tax-xandir flimkien ma' sinjali tal-ħoss fuq medded qosra, direttament taħt l-għajn jew inkella mhux direttament taħt l-għajn; kollegamenti bil-vidjow portabbli minn trażmettituri żgħar li jintużaw fuq meded akbar, tipikament sa żewġ kilometri, u kollegamenti bil-vidjow mobbli bħal sistemi ta' trażmissjoni tal-vidjow b'radjutrażmettituri u riċevituri mmuntati fil-muturi, fil-muturi tat-tiġrija, fir-roti bil-pedali, fil-karozzi, fid-dgħajjes, fil-ħelikopters, fl-iġfna tal-ajru u f'inġenji oħrajn tal-ajru, jew fuqhom, bil-possibbiltà li wieħed mit-terminali tal-kollegament jew it-tnejn li huma jkunu jistgħu jintużaw waqt spostament minn post għall-ieħor.

(6) L-użu tal-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz għal kollegamenti bil-vidjow u għal kameras mingħajr fili għandu l-vantaġġi tekniċi u ekonomiċi li jibbenefika mill-banda tal-frekwenzi 2 025-2 110 MHz li hija viċin. Din tintuża wkoll għal dawn it-tip ta' kollegamenti u kameras mingħajr fili f'għadd ta' Stati Membri u tissemma fir-Rakkomandazzjoni 25-10 ([3]) tal-ERC bħala medda tal-intunar rakkomandata. Billi r-Rapport 52 tas-CEPT jikkonferma li l-PMSE bil-vidjow jista' jopera fil-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz bl-istess kundizzjonijiet tekniċi bħal dawk applikabbli għall-użu tal-PMSE fil-banda tal-frekwenzi 2 025-2 110 MHz, dan jestendi d-disponibbiltà tal-ispettru għal kollegamenti bil-vidjow u għal kameras mingħajr fili minn medda ta' 85 MHz sa medda ta' 100 MHz.

(7) Minkejja li għal bosta snin fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz ma ġietx allokata lill-operaturi tat-telefonija mobbli jew inkella dawn baqgħu ma użawhiex, xi drabi l-ispettru qed jintuża minn servizzi diġà eżistenti. Din is-sitwazzjoni jaf teħtieġ approċċ flessibbli u arranġamenti lokali li jqisu fatturi bħalma huma l-post fejn jintuża l-ispettru kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tal-użu tal-ispettru għal PMSE bil-vidjow fil-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz, kemm fl-Istat Membru rilevanti kif ukoll fl-Istati Membri ġirien.

(8) Barra minn hekk, id-disponibbiltà u l-użu tal-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz għal PMSE bil-vidjow għandhom ikunu fuq bażi mhux esklussiva biex fuq firxa nazzjonali l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu l-użu ta' dak l-ispettru għal tipi oħra ta' applikazzjonijiet bħall-protezzjoni ċivili u l-għajnuna fid-diżastri jew għal kollegamenti bil-vidjow temporanji minn punt għal punt jew kameras industrijali, sakemm dawn l-applikazz-jonijiet ikunu jissodisfaw il-parametri tekniċi stipulati f'din id-Deċiżjoni.

(9) Kundizzjonijiet armonizzati mal-Unjoni kollha jgħinu biex jiġi stabbilit suq waħdieni effettiv għal dawn l-applikazzjonijiet, bl-ekonomiji ta' skala u benefiċċji għaċ-ċittadini u l-industrija tal-Unjoni, f'konformità mad-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju u t-Tagħmir Terminali tat-Telekomunikazzjoni (id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ([4]) u d-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju (id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ([5]).

(10) Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz fuq tul ta' żmien, l-Istati Membri għandhom jagħmlu skrutinju kontinwu tal-użu tal-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz u jirrappurtaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni.

([1]) RSCOM12-17 rev 3, adottat fl-10 ta' Ottubru 2012

([2]) Ir-Rapport 52 tas-CEPT lill-Kummissjoni Ewropea b'reazzjoni għall-Mandat "Twettiq ta' studji dwar il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-baned tal-frekwenzi 1 900-1 920 MHz u 2 010-2 025 MHz ('Baned terrestri mhux akkoppjati tat-2 GHz') fl-UE", ("To undertake studies on the harmonised technical conditions for the 1 900-1 920 MHz and 2 010-2 025 MHz frequency bands ('Unpaired terrestrial 2 GHz bands') in the EU"), rapport approvat mill-ECC fis-6 ta' Marzu 2015.

([3]) Ir-Rakkomandazzjoni 25-10 tal-ERC dwar il-baned tal-frekwenzi li jintużaw għal kollegamenti SAP/SAB (Service Ancillary to Broadcasting/Services Ancillary to Programme making) terrestri u temporanji tal-awdjo u tal-vidjow (inkluż l-hekk imsejjaħ Electronic News Gathering and Outside Broadcasting (ENG/OB)).

([4]) Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom (ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10).

([5]) Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni għandha l-għan li tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għad-disponibbiltà u l-użu effiċjenti tal-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz għal PMSE bil-vidjow fuq bażi mhux esklussiva.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, PMSE bil-vidjow tfisser kollegamenti bil-vidjow bla fili li jistgħu jkunu portabbli jew mobbli u kameras mingħajr fili użati għall-ħolqien ta' programmi u avvenimenti speċjali.

*Artikolu 3*

Kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jkollhom disponibbli l-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz għall-PMSE bil-vidjow, fuq bażi mhux esklussiva u f'konformità mal-parametri stabbiliti fl-Anness.

Meta jsibu xi interferenzi ma' tipi oħra ta' utenti tal-ispettru jew servizzi li huma intitolati biex jużaw il-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz fid-data meta din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-użu tagħha fil-porzjon relevanti tal-banda tal-frekwenzi f'żoni ġeografiċi speċifiċi b'konformità mal-Anness.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jagħmlu skrutinju kontinwu tal-użu tal-banda tal-frekwenzi 2 010-2 025 MHz u jirrappurtaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni, inkluż kull informazzjoni dwar l-emendar jew l-irtirar tad-drittijiet tal-użu, sabiex jekk ikun meħtieġ tkun tista' ssir analiżi f'waqtha ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Günther OETTINGER
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**IL-PARAMETRI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, e.i.r.p. tfisser potenza rradjata isotropika ekwivalenti, li hija l-prodott matematiku tal-potenza fornuta lill-antenna u l-gwadann tal-antenna f'direzzjoni speċifika relattiva għal antenna isotropika (gwadann assolut jew isotropiku)

**e.i.r.p. għal PMSE bil-vidjow**

| Tip ta' Kollegament | e.i.r.p. |
|---|---|
| Kamera mingħajr fili | – 7 dBW |
| Kollegament bil-vidjow portabbli | 16 dBW |
| Kollegament bil-vidjow mobbli | 10 dBW |

B'mod predominanti l-aċċess għall-ispettru jista' jiġi awtorizzat bl-arranġamenti lokali. Dawk l-arranġamenti lokali jistgħu jiġu kkonfigurati biex jitqiesu fatturi bħalma huma l-post fejn jintuża l-ispettru u kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tal-użu tal-ispettru għal PMSE bil-vidjow jew għal servizzi eżistenti.

Jekk iċ-ċirkostanzi lokali fl-Istat Membru rilevanti u fl-Istati Membri ġirien ikunu jippermettu limiti ogħla mingħajr ma tiġi kompromessal-koeżistenza ta' dawn is-servizzi eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jadattaw il-limiti e.i.r.p. għal PMSE bil-vidjow indikati fit-tabella.

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

**Nru 404/14/COL**

**tat-8 ta' Ottubru 2014**

**dwarl-Iskema ta' Inċentiv għall-Investiment fl-Iżlanda (L-Iżlanda) [2016/340]**

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (l-"Awtorità"),

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE"), b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif tal-Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja (il-"Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti"), b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Sorveljanza u l-Qorti ("Protokoll 3"), b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tal-Parti I u l-Artikoli 7(5) u 14 tal-Parti II tiegħu,

WARA li stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dawk id-dispożizzjonijiet ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### I. **FATTI**

#### 1. KRONOLOĠIJA TAL-AVVENIMENTI

(1) Fit-13 ta' Ottubru 2010, l-Awtorità approvat skema dwar l-inċentivi għall-investiment (l-"Iskema") li ġiet innotifikata mill-awtoritajiet Iżlandiżi skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3. L-approvazzjoni tal-Awtorità ngħatat fid-Deċiżjoni Nru 390/10/COL. ([2])

(2) L-iskema pprovdiet għall-possibbiltà tal-għoti tal-għajnuna fil-forma ta' għotjiet diretti, permezz ta' eżenzjonijiet tat-taxxa u permezz tal-bejgħ u l-lokazzjoni ta' art taħt il-livell tas-suq lill-kumpaniji fis-setturi kollha minbarra fis-settur finanzjarju. Dawn l-għotjiet ta' għajnuna kellhom isiru b'konnessjoni mal-investiment inizjali f'oqsma eliġibbli għal għajnuna reġjonali (magħrufa bħala "reġjuni-c") fl-Iżlanda.

(3) L-iskema skadiet fil-31 ta' Diċembru 2013.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Awtorità tat-30 ta' April 2013 biex tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' Skema ta' Inċentivi għall-Investiment u ċertu Ftehim dwar l-Investiment (ĠU C 237, 15.8.2013, p. 4, kif ukoll is-Suppliment ŻEE Nru 45, 15.8.2013, p. 1).
([2]) Disponibbli fuq: http://www.eftasurv.int/media/state-aid/390-10-COL.pdf.

(4) Il-bażi ġuridika għall-Iskema li ġiet approvata mill-Awtorità kienet:

a. L-Att Nru 99/2010 dwar Inċentivi għal Investimenti Inizjali fl-Iżlanda ("Att Nru 99/2010"), adottat mill-Parlament Iżlandiż fid-29 ta' Ġunju 2010, u li daħal fis-seħħ fit-3 ta' Lulju 2010, bil-kundizzjoni li jiġi approvat mill-Awtorità; kif ukoll

b. Ir-Regolament Nru 985/2010 dwar Inċentivi għal Investimenti Inizjali fl-Iżlanda, maħruġ mill-Ministeru tal-Industrija fil-25 ta' Novembru 2010 (ir-"Regolament dwar l-Inċentivi"), li jikkorrispondi għal abbozz ta' regolament li kien sottomess lill-Awtorità fis-27 ta' Settembru 2010. Ir-Regolament dwar l-Inċentivi huwa biċċa leġiżlazzjoni sekondarja ibbażata fuq l-Att Nru 99/2010.

(5) Fit-30 ta' Diċembru 2010 il-Ministeru tal-Industrija ħareġ regolament ġdid, ir-Regolament Nru 1150/2010 (ir-"Regolament Supplimentari"), li jemenda r-Regolament dwar l-Inċentivi. Skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3, ir-Regolament Supplimentari, kellu jiġi nnotifikat lill-Awtorità. Madankollu, l-Awtorità ma rċeviet ebda notifika.

(6) Matul il-perjodu bejn l-2010 u l-2013, l-Istat tal-Iżlanda daħal f'numru ta' ftehimiet li huma kkunsidrati li jaqgħu taħt l-Iskema, u għaldaqstant li huma eliġibbli għal għotja ta' għajnuna magħmula taħt l-Iskema. Dawn huma dawn li ġejjin: [3]

a. Fit-30 ta' Diċembru 2010, il-Ministru tal-Industrija, f'isem il-Gvern tal-Iżlanda, daħal fi ftehim ta' investiment ma' Becromal Iceland ehf. u Becromal Properties ehf. (issa Krossaneseignir ehf.) (flimkien magħrufa bħala "Becromal"), Stokkur Energy ehf. u Becromal S.p.A. (il-"Ftehim ta' Investiment Becromal").

b. Fit-30 ta' Diċembru 2010 il-Ministru tal-Industrija, f'isem il-Gvern tal-Iżlanda, daħal fi ftehim ta' investiment ma' Thorsil ehf., Timminco Ltd. u Stokkur Energy ehf. (il-"Ftehim ta' Investiment Thorsil").

c. Fis-17 ta' Frar 2011, il-Ministru tal-Industrija, l-Enerġija u t-Turiżmu kif ukoll il-Ministeru tal-Finanzi, f'isem il-Gvern tal-Iżlanda, daħlu fi ftehim ta' investiment ma' Íslenska Kísilfélagið ehf., Tomahawk Development á Íslandi ehf. u GSM Enterprises LLC (il-"Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið").

d. Fit-22 ta' Settembru 2011, il-Ministru tal-Industrija, l-Enerġija u t-Turiżmu, f'isem il-Gvern tal-Iżlanda, daħal fi ftehim ta' investiment ma' Verne Real Estate II ehf. kif ukoll Verne Holdings Ldt. (il-"Ftehim ta' Investiment Verne").

e. Fis-7 ta' Mejju 2012 il-Ministru tal-Industrija, l-Enerġija u t-Turiżmu kif ukoll il-Ministeru tal-Finanzi, f'isem il-Gvern tal-Iżlanda, daħlu fi ftehim ta' investiment ma' GMR Endurvinnslan ehf. (il-"Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan").

f. Fit-28 ta' Jannar 2013, il-Ministru tal-Industrija, l-Enerġija u t-Turiżmu kif ukoll il-Ministeru tal-Finanzi, f'isem il-Gvern tal-Iżlanda, daħlu fi ftehim ta' investiment ma' Marmeti ehf. (il-"Ftehim ta' Investiment Marmeti").

## 2. PROĊEDURA

(7) Wara d-diskussjonijiet ta' prenotifika, u skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3, fit-13 ta' Diċembru 2012 l-awtoritajiet Iżlandiżi nnotifikaw lill-Awtorità dwar sensiela ta' emendi proposti (l-"emendi nnotifikati") għall-Att Nru 99/2010.

(8) Matul l-eżaminazzjoni preliminari tal-emendi nnotifikati, l-Awtorità nnotat l-emendi mhux innotifikati li kienu saru għar-Regolament dwar l-Inċentivi. Madankollu, investigazzjoni ulterjuri indikat, numru ta' kwistjonijiet potenzjali dwar il-kompatibbiltà mal-liġi taż-ŻEE tal-ftehimiet ta' investiment li ġew konklużi matul l-2010-13, apparentement taħt l-Iskema.

[3] Il-Ftehimiet ta' Investiment huma disponibbli fil-qasam pubbliku, skont l-Artikolu 21(4) tal-Att Nru 99/2010, u huma (mill-4 ta' Marzu 2013) bl-Ingliż u bl-Iżlandiż fuq: http://stjornartidindi.is/AdvertList.aspx?ID=7F3926F3-992D-4211-903D-D4F28F1DC87A&view=2&value=ddc9274e-1111-44ac-9d52-5ffa832684fc.

(9) Bid-Deċiżjoni Nru 177/13/COL tat-30 ta' April 2013, l-Awtorità fetħet investigazzjoni formali fir-rigward tal-Iskema u ftehimiet ta' investiment (id-"Deċiżjoni tal-Ftuħ"). ([4]) L-awtoritajiet Iżlandiżi u Becromal issottomettew kummenti għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ. ([5]) Permezz tal-Ittra ddatata l-10 ta' Ottubru 2013, l-Awtorità ressqet il-kummenti sottomessi minn Becromal lill-awtoritajiet Iżlandiżi u stednithom jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dawn il-kummenti. Madankollu ma ġew sottomessi ebda osservazzjonijiet ulterjuri mill-awtoritajiet Iżlandiżi.

(10) Il-kwistjoni ġiet diskussa wkoll waqt laqgħa fi Brussell fid-29 ta' April 2014 bejn l-Awtorità u r-rappreżentanti ta' Becromal.

## 3. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

### 3.1. *Sfond*

(11) L-Iskema għandha l-għan li tippromwovi investiment inizjali u b'hekk toħloq impjiegi fir-reġjuni żvantaġġati tal-Iżlanda.

(12) Din id-deċiżjoni tikkonċerna tliet settijiet ta' miżuri li ttieħdu fl-Iżlanda fir-rigward tal-Iskema: (i) l-emendi nnotifikati; (ii) l-emendi mhux innotifikati; kif ukoll (iii) il-ftehimiet ta' investiment. Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-Awtorità esprimiet dubji dwar jekk il-miżuri kinux jikkonformaw mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, u dwar jekk l-għajnuna mogħtija skont il-ftehimiet ta' investiment ingħatatx skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvat.

### 3.2. *L-emendi nnotifikati għall-Iskema*

(13) Fit-30 ta' Novembru 2012, il-Gvern Iżlandiż issottometta liġi lill-Parlament, li tipproponi sensiela ta' emendi għall-Iskema ta' għajnuna eżistenti. Fit-13 ta' Diċembru 2012 l-awtoritajiet Iżlandiżi ssottomettew notifika lill-Awtorità tal-emendi proposti. Il-Parlament Iżlandiż adotta l-liġi, bħala l-Att Nru 25/2013, fit-13 ta' Marzu 2013, abbażi li tidħol fis-seħħ biss ladarba l-Awtorità tiddeċiedi li tapprova l-emendi. L-emendi nnotifikati, kif deskritti f'iktar dettall fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, ([6]) relatati ma':

a. It-tneħħija ta' għotjiet diretti

b. It-tnaqqis tar-rata tat-taxxa fuq il-kumpaniji għal 18 %

c. It-tneħħija tat-taxxi tal-boll.

d. It-tnaqqis b'50 % fir-rata tat-taxxa tal-proprjetà muniċipali għal proġetti ġodda ta' investiment

e. It-tnaqqis b'50 % fit-tariffa tas-sigurtà soċjali inġenerali għal proġetti ta' investiment ġodda

(14) Dawn l-emendi ma daħlux fis-seħħ qabel ma skadiet l-Iskema.

### 3.3. *L-emendi mhux innotifikati għall-Iskema*

(15) Il-Gvern Iżlandiż introduċa r-Regolament Supplimentari ftit wara l-approvazzjoni tal-Iskema mill-Awtorità

(16) Ir-Regolament Supplimentari emenda numru ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-Inċentivi, li stabbilixxa l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna skont l-Att Nru 99/2010.

([4]) Disponibbli fuq www.eftasurv.int.
([5]) Ara t-Taqsima I.5 hawn taħt.
([6]) Ara l-premessi 14 sa 15.

(17) L-ewwel nett, ir-Regolament Supplimentari affettwa l-applikazzjoni tat-test tal-effett ta' inċentiv skont l-Iskema, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-Inċentivi, billi żied referenza għal "ftehim ta' investiment speċjali" li jkun sar qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att Nru 99/2010. ([7]) Kif iddikjarat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-fehim preliminari tal-Awtorità kien li din l-emenda tippermetti li tingħata għajnuna għall-proġetti li nbdew qabel daħlet fis-seħħ l-Iskema.

(18) It-tieni nett, ir-Regolament Supplimentari emenda l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-Inċentivi billi jagħmel rrefera għat-taxxa korporattiva massima applikabbli "[…] skont ftehim ta' investiment speċjali qabel ma jidħol fis-seħħ l-Att". ([8]) L-Awtorità fid-deċiżjoni tal-Ftuħ kienet tal-fehma preliminari li din l-emenda dehret li tippermetti wkoll applikazzjoni retroattiva tal-Iskema, billi tintuża rata ta' taxxa korporattiva applikabbli qabel il-bidu tal-Iskema.

(19) It-tielet nett, ir-Regolament Supplimentari emenda l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar l-Inċentivi. Din l-emenda affettwat id-data għall-kalkolu tal-perjodu massimu tal-eżenzjonijiet mit-taxxa permessi skont l-Iskema. ([9]) Kif innotat l-Awtorità fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, din l-emenda tidher li pprovdiet perjodu massimu tal-eżenzjonijiet mit-taxxa li jmur lura għall-iffirmar tal-ftehim qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema fl-2010.

### 3.4. ***Il-ftehimiet ta' investiment***

(20) L-awtoritajiet Iżlandiżi pprovdew lill-Awtorità b'kopji ta' sitt Ftehimiet ta' Investiment, elenkati hawn taħt:

| | Data | Ftehim | Proġett |
|---|---|---|---|
| 1 | fit-30 ta' Diċembru 2010. | Il-Ftehim ta' Investiment Becromal | Impjant għall-anodizzazzjoni tal-fojl tal-aluminju fil-belt ta' Akureyri |
| 2 | fit-30 ta' Diċembru 2010. | Il-Ftehim ta' Investiment Thorsil | Produzzjoni tal-metall tas-siliċju f'Þorlákshöfn fil-muniċipalità ta' Ölfus |
| 3 | fis-17 ta' Frar 2011. | Il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið | Produzzjoni tal-metall tas-siliċjuf'Helguvík fil-muniċipalità ta' Reykjanesbær |

([7]) Traduzzjoni tal-Awtorità, bit-test miżjud mir-Regolament Supplimentari sottolineat:
"Artikolu 3 — Kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna:
Meta jiġi vvalutat jekk għandhiex tingħata għajnuna għal proġetti ta' investiment ġodda, skont l-Att Nru 99/2010, jiġu ssodisfati l-kriterji kumulattivi li ġejjin: […]
c. il-proġett ta' investiment prospettiv ma nbediex qabel l-iffirmar ta' ftehim skont l-Artikolu 20, jew skont ftehim ta' investiment speċjali qabel ma jidħol fis-seħħ l-Att, u jintwera li l-għoti tal-għajnuna huwa prerekwiżit għall-proġett biex jimmaterjalizza fl-Iżlanda."

([8]) Traduzzjoni tal-Awtorità, bit-test miżjud mir-Regolament Supplimentari sottolineat:
"Artikolu 8 — Għajnuna relatata mat-taxxi u kwalunkwe tariffa oħra:
Għajnuna reġjonali skont l-Att Nru 99/2010 tista' tingħata permezz tat-tnaqqis fit-taxxi jew tariffi pubbliċi oħra relatati mal-proġett ta' investiment inkwistjoni.
Kumpanija, stabbilita għal finijiet ta' investiment inizjali, li tissodisfa l-kriterji kumulattivi stabbiliti fl-Att Nru 99/2010, u f'dan ir-Regolament, tgawdi mid-derogi tat-taxxa li ġejjin:
1. Ir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpanija, għall-perjodu stipulat fl-Artikolu 3, ma taqbiżx ir-rata tat-taxxa tal-introjtu fis-seħħ meta l-ftehim ta' investiment skont l-Artikolu 20 jew skont ftehim ta' investiment speċjali qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att."

([9]) Traduzzjoni tal-Awtorità, bit-test miżjud mir-Regolament Supplimentari sottolineat:
"Artikolu 20 — Ftehim dwar l-għoti tal-għajnuna:
Jekk applikant jaċċetta l-offerta tal-Ministru biex jidħol fi ftehim dwar l-għajnuna, tali ftehim għandu jiġi ffirmat bejn l-applikant u l-Ministru f'isem l-awtoritajiet nazzjonali, u fejn applikabbli l-awtoritajiet lokali, dwar l-għoti ta' għajnuna għal proġett ta' investiment.
It-tul ta' ftehim li jagħti għajnuna skont il-paragrafu 1, ma għandux jaqbeż 13-il sena mid-data tal-iffirmar, filwaqt li jitqies ftehim ta' investiment speċjali, jekk tali ftehim ikun ġie konkluż fir-rigward tal-proġett. Għajnuna mogħtija abbażi tal-Artikolu 9 tal-Att Nru 99/2010 tapplika għal 10 snin ikkalkolati mid-data meta jseħħ l-obbligazzjoni tat-taxxa rilevanti jew meta tiġi skattata l-obbligazzjoni għall-ħlas tat-tariffi rilevanti skont l-Artikolu 9(2) tal-Att Nru 99/2010, madankollu, li ma jaqbiżx 13-il sena mill-iffirmar ta' ftehim li jagħti l-għajnuna, filwaqt li jitqies ftehim ta' investiment speċjali jekk tali ftehim ikun ġie konkluż qabel fir-rigward tal-proġett. Il-valur preżenti net tal-għajnuna mill-Istat totali stmata li għandha tingħata matul il-perjodu ta' ftehim ta' investiment, għandu jiġi stipulat fil-ftehim. Ftehim ta' investiment li jkun daħal fis-seħħ abbażi tal-Att Nru 99/2010, għandu jiġi ppubblikat fit-Taqsima B tal-Gazzetta Uffiċjali."

| | Data | Ftehim | Proġett |
|---|---|---|---|
| 4 | fis-27 ta' Settembru 2011. | Il-Ftehim ta' Investiment Verne | Ċentru tad-dejta fil-muniċipalità ta' Reykjanesbær |
| 5 | fis-7 ta' Mejju 2012. | Il-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan | Impjant tar-riċiklaġġ tal-azzar fi Grundartangi fil-muniċipalità ta' Hvalfjarðarsveit |
| 6 | fit-28 ta' Jannar 2013. | Il-Ftehim ta' Investiment Marmeti | Fabbrika tal-ħut fil-belt ta' Sandgerði |

4. MOTIVI GĦALL-BIDU TA' PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(21) Fir-rigward tal-emendi nnotifikati stabbiliti fl-Att Nru 25/2013, il-fehma preliminari tal-Awtoritá fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ kienet li l-emendi nnotifikati għandhom jiġu kklassifikati bħala għajnuna ġdida, kif definit fl-Artikolu 1(c) Parti II tal-Protokoll 3. Barra minn hekk, dawn l-emendi ma setgħux jiġu kklassifikati bħala alterazzjonijiet li jistgħu jinqatgħu mill-Iskema oriġinali. Għalhekk, l-Awtorità kienet tal-fehma li l-Iskema kollha għandha titqies bħala għajnuna ġdida, li kienet titlob approvazzjoni ġdida qabel tkun tista' tiġi implimentata. ([10])

(22) Fir-rigward tal-emendi mhux innotifikati li ddaħħlu fis-seħħ bir-Regolament Supplimentari, il-fehma preliminari tal-Awtorità kienet li dawn affettwaw b'mod negattiv ir-rekwiżit tal-effett ta' inċentiv stabbilit fl-Iskema oriġinali, billi wessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema lil hinn minn dak li kien approvat bid-deċiżjoni tal-Awtorità Nru 390/10/COL. Jidher, b'mod partikolari, li r-Regolament Supplimentari ppermetta li tingħata għajnuna għal proġetti li kienu diġà nbdew qabel daħlet fis-seħħ l-Iskema.

(23) Għalhekk, il-fehma preliminari tal-Awtorità kienet li l-emendi mhux innotifikati għall-Iskema jkollhom effett fuq il-valutazzjoni tal-Iskema li għamlet l-Awtorità meta approvatha oriġinarjament. B'mod partikolari, l-emendi se jbiddlu l-valutazzjoni tal-Awtorità tal-effett ta' inċentiv, li hija element ċentrali fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna reġjonali mal-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE. Bħala riżultat, l-Awtorità kellha l-fehma preliminari li l-Iskema kollha, kif emendata mir-Regolament Supplimentari, għandha tikkostitwixxi għajnuna ġdida skont il-Protokoll 3, Artikolu 1 Parti II. ([11])

(24) Sabiex tiġi analizzata l-applikazzjoni tal-effett ta' inċentiv, l-Awtorità fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ eżaminat il-mod li bih l-Iskema ġiet applikata minn dakinhar li daħlet fis-seħħ fl-2010. ([12]) F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Iżlandiżi pprovdew lill-Awtorità b'dettalji tal-ftehimiet tal-investiment li tkun daħlet fihom, fil-fehma tal-awtoritajiet Iżlandiżi, abbażi tal-Iskema.

(25) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Iskema, wara l-eżaminazzjoni tal-ftehimiet ta' investiment, l-Awtorità esprimiet dubji dwar jekk l-applikazzjoni tal-Iskema kinitx konsistenti mal-Iskema kif approvata. Hija qalet li għandha ċerti dubji dwar jekk id-dispożizzjonijiet u l-mekkaniżmi skont l-iskema kinux ċari biżżejjed biex jiżguraw li l-għajnuna hija limitata b'mod suffiċjenti u proporzjonata biex tiżgura li tissodisfa l-għanijiet tal-għajnuna reġjonali, u li minflok ma tikkostitwix forma ta' għajnuna operatorja. ([13])

(26) Barra minn hekk, l-Awtorità esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-liġi ŻEE tar-Regolament Supplimentari, fis-sens li dan tal-aħħar deher li jippermetti applikazzjoni retroattiva tal-Iskema fir-rigward tar-rata tat-taxxa korporattiva, kif ukoll perjodu massimu tal-eżenzjonijiet mit-taxxa li jkopru wkoll ftehimiet konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema. ([14])

([10]) Ara l-premessi 42 sa 46.
([11]) Ara l-premessi 50.
([12]) Ara t-Taqsima 4.2.1.
([13]) Ara l-premessi 59 sa 70.
([14]) Ara l-premessi 72 sa 83.

(27) Għalhekk, l-Awtorità esprimiet dubji dwar jekk l-Iskema, kif applikata, u kif emendata bir-Regolament Supplimentari u bl-Att Nru 25/2013, tistax tiġi kkunsidrata li hija kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. ([15])

(28) Fl-aħħar nett, rigward il-ftehimiet ta' investiment, l-Awtorità esprimiet dubji dwar jekk ingħatatx għajnuna skont dawn il-ftehimiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema, kif ukoll jekk tali għajnuna għandhiex tiġi kkunsidrata li hija kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. ([16])

## 5. KUMMENTI RĊEVUTI MILL-AWTORITÀ

(29) Permezz tal-ittra ddatata 8 ta' Lulju 2013, l-awtoritajiet Iżlandiżi ssottomettew kummenti dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-Awtorità. L-awtoritajiet Iżlandiżi ssottomettew ukoll kopji ta':

a. Ftehim ta' investiment bejn l-Istat tal-Iżlanda u Becromal, iddatat 7 ta' Lulju 2009,

b. Ftehim ta' investiment bejn l-Istat tal-Iżlanda u Kísilfélagið, iddatat 29 ta' Mejju 2009,

c. Ftehim ta' investiment bejn l-Istat tal-Iżlanda u Verne, iddatat 29 ta' Mejju 2009,

d. Silta ta' aħbarijiet minn Ríkisútvarpið (ix-Xandar Nazzjonali tal-Iżlanda), iddatata 4 ta' Mejju 2012, li tikkonċerna l-istatus tal-proġett Kísilfélagið.

(30) Fit-3 ta' Ottubru 2013, l-Awtorità rċeviet kummenti minn Becromal. Becromal issottomettiet ukoll ittra mill-Ministru tal-Industrija li kien fil-kariga mill-24 ta' Mejju 2007 sal-10 ta' Mejju 2009, kopji tal-korrispondenza elettronika mal-uffiċjali tal-Ministeru tal-Industrija u pjan ta' direzzjoni tan-negozju mill-2007. Barra minn hekk, wara talba minn Becromal, saret laqgħa fi Brussell fid-29 ta' April 2014 biex tiddiskuti l-każ u s-sejbiet preliminari tal-Awtorità.

(31) L-Awtorità ma rċevietx kummenti mill-allegati benefiċjarji l-oħra (jiġifieri Verne, Marmeti, Íslenska Kísilfélagið, Endurvinnslan u Thorsil).

### 5.1. *Kummenti mill-awtoritajiet Iżlandiżi*

(32) L-awtoritajiet Iżlandiżi kkummentaw dwar ir-Regolament Supplimentari u l-ftehimiet ta' investiment individwali.

(33) L-awtoritajiet Iżlandiżi esprimew id-dispjaċir tagħhom li ebda wieħed mill-ftehimiet ta' investiment ma inkluda referenza għall-valur preżenti nett tal-għajnuna mogħtija, u li tnejn biss minn sitt ftehimiet ta' investiment (Il-Ftehim ta' Investiment Becromal u l-Ftehim ta' Investiment Verne) jirreferu għan-nefqa tal-investiment tal-proġetti rispettivi, kif mitlub mill-Iskema kif approvata. L-awtoritajiet Iżlandiżi impenjaw ruħhom li jemendaw il-ftehimiet kif xieraq u biex idaħħlu l-informazzjoni rilevanti.

(34) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi ddikjaraw li huma jirrispettaw il-fehma preliminari tal-Awtorità li ċerti dispożizzjonijiet fil-Ftehimiet ta' Investiment Kísilfélagið, Thorsil u GMR Endurvinnslan, li jipprevedu inċentivi ulterjuri minn dawk previsti fl-Att Nru 99/2010, u l-possibbiltà ta' estensjoni tal-perjodu tal-għajnuna lil hinn l-għaxar snin inizjali jew wara 13-il sena, mhumiex konsistenti mal-Iskema kif approvata. L-awtoritajiet Iżlandiżi impenjaw ruħhom li jemendaw l-investiment inkwistjoni skont il-każ u li jħassru dawn id-dispożizzjonijiet (ara t-Taqsima II.5, hawn taħt).

#### 5.1.1. **Ir-Regolament Supplimentari**

(35) Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-Awtorità fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-emendi mhux innotifikati għall-Iskema, li ddaħħlet fis-seħħ mir-Regolament Supplimentari, l-awtoritajiet Iżlandiżi għamlu numru ta' kummenti u sottomissjonijiet.

([15]) Ara l-premessi 85.
([16]) Ara l-premessi 160 sa 163.

(36) L-awtoritajiet Iżlandiżi issottomettew li r-referenza għal "ftehim ta' investiment speċjali" (miżjuda mal-Artikoli 3, 8 u 20 tar-Regolament dwar l-Inċentivi mir-Regolament Supplimentari), hija relatata biss mal-preparazzjoni ta' proġett ta' investiment, li fi kwalunkwe każ kellha tissodisfa l-kriterji tal-effett ta' inċentiv tar-Regolament dwar l-Inċentivi, kif emendat mir-Regolament Supplimentari.

(37) L-Awtorità fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha ddikjarat li Becromal, Kísilfélagið u Verne jidhru li kellhom ftehimiet iffirmati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema.

(38) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Iżlandiżi affermaw li l-emendi introdotti għall-iskema mir-Regolament Supplimentari huma relatati biss ma' ftehim ta' investiment speċjali wieħed: ftehim li sar ma' Becromal qabel il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Investiment Becromal fit-30 ta' Diċembru 2010. L-awtoritajiet Iżlandiżi ssottomettew li l-emendi ma għandhom l-ebda fini jew effett ieħor ħlief li jakkomodaw il-proġett Becromal. Barra minn hekk, huma qalu li ebda ftehim ta' investiment speċjali ieħor ma ġie ffirmat jew se jiġi ffirmat, skont l-emendi introdotti bir-Regolament Supplimentari.

(39) Għaldaqstant, l-awtoritajiet Iżlandiżi ddikjaraw li r-Regolament Supplimentari ma għandu ebda effett fuq il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið. Dawn isostnu li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið huma differenti mill-ftehim ta' investiment konkluż bejn l-Iżlanda u Kísilfélagið fid-29 ta' Mejju 2009, li kien relatat mal-eżenzjonijiet mir-Regoli tal-Kambju Internazzjonali. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Iżlandiżi kienu tal-fehma li l-ftehim ta' qabel ma jistax jiġi kkunsidrat li hu "ftehim ta' investiment speċjali" skont it-tifsira tar-Regolament Supplimentari. L-awtoritajiet Iżlandiżi żiedu f'dan ir-rigward li x-xogħol, fiż-żmien meta nkiteb, kien għadu ma nbediex fuq il-proġett li l-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið kien intenzjonat li jappoġġa.

(40) B'mod simili, l-awtoritajiet Iżlandiżi qalu li r-Regolament Supplimentari ma għandu ebda effett fuq il-Ftehim ta' Investiment Verne, abbażi li ma hemm ebda ftehim ta' investiment preċedenti ffirmat ma' Verne. Skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, abbozz ta' ftehim ta' investiment kien inbeda (iżda mhux iffirmat) fit-23 ta' Ottubru 2009. Għalhekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi, ddikjaraw li ma kien hemm ebda ftehim ta' investiment preċedenti ffirmat ma' Verne li jista' jikkostitwixxi "ftehim ta' investiment speċjali" skont it-tifsira tar-Regolament Supplimentari.

5.1.2. **Il-ftehimiet ta' investiment**

(41) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, l-Awtorità esprimiet dubji dwar jekk il-Ftehimiet ta' Investiment Verne u Becromal kinux ikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Iskema, peress li x-xogħol fuq iż-żewġ proġetti jidher li kien beda qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema fl-2010. Barra minn hekk, l-Awtorità esprimiet dubji dwar jekk il-kriterji tal-effett tal-inċentiv neċessarju kinux issodisfati fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið. Madankollu, l-Awtorità nnotat ukoll li f'dak iż-żmien ma kellhiex biżżejjed informazzjoni dwar l-istatus ta' dak il-proġett.

(42) L-awtoritajiet Iżlandiżi ddikjaraw, bi tweġiba, li:

— Il-proġett Becromal beda x-xogħol ta' kostruzzjoni wara l-ftehim ta' investiment li ġie konkluż fid-29 ta' Mejju 2009, qabel il-Ftehim ta' Investiment Becromal (konkluż fit-30 ta' Diċembru 2010);

— Il-proġett Kísilfélagið ma kienx inbeda fiż-żmien li fih l-awtoritajiet Iżlandiżi bagħtu l-kummenti tagħhom lill-Awtorità. Il-ftehim li kien iffirmat fid-29 ta' Mejju 2009 huwa relatat ma' eżenzjoni mir-restrizzjonijiet tal-munita u ma għandu ebda effett fuq l-applikazzjoni tal-effett ta' inċentiv;

— Barra minn hekk, ma hemm ebda rabta bejn il-Ftehim ta' Investiment Verne tas-27 ta' Settembru 2011 u l-abbozz ta' ftehim tat-23 ta' Ottubru 2009, li ġie nnotifikat lill-Awtorità, iżda li iktar tard ġie rtirat.

(43) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi sostnew li l-ftehimiet ta' investiment kollha, minbarra l-Ftehim ta' Investiment Becromal, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvata (iktar milli kif emendata

bir-Regolament Supplimentari), fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-Inċentivi (dwar l-għajnuna relatata mat-taxxi u imposti oħra). Għal dan l-għan, l-awtoritajiet qalu li l-emendi introdotti bir-Regolament Supplimentari, li jippermettu applikazzjoni ta' rata ta' taxxa korporattiva applikabbli qabel il-bidu tal-Iskema, ġew adottati biss għall-finijiet li jkopru ftehim ta' investiment speċjali ma' Becromal.

(44) Skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, il-proġetti kollha kienu soġġetti għal reviżjoni mill-Kumitat għall-Inċentivi, li jinkludi rappreżentanti maħtura mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru tal-Industrija u l-Innovazzjoni. Il-Kumitat evalwa jekk kull proġett issodisfax il-kriterji dwar l-eliġibbiltà stipulati fl-Att 99/2010 u fir-Regolament dwar l-Inċentivi. Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, l-Aġenzija Invest in Iceland ("Investi fl-Iżlanda") għamlet analiżi tal-kost-benefiċċju għal kull proġett qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim. ([17])

(45) L-awtoritajiet Iżlandiżi jsostnu li għalkemm il-Ftehimiet ta' Investiment Kísilfélagið, Thorsil, GMR Endurvinnslan u Marmeti ma jirreferux b'mod espliċitu għall-ispejjeż ta' investiment tal-proġetti rispettivi u ma għandhomx dikjarazzjoni rigward l-intensitajiet tal-għajnuna kumplessiva jew tal-limitu massimu tal-għajnuna, xorta huma soġġetti għall-obbligi stretti ta' monitoraġġ biex jiżguraw użu xieraq tal-inċentivi previsti fil-ftehimiet. Il-ftehimiet jistipulaw ukoll li: jekk jiġi żvelat li l-inċentivi previsti f'dan il-Ftehim ikunu qabżu l-livelli permessi fl-Att Nru 99/2010, jew il-Ftehim, l-ammont żejjed jiġi reklamat mill-Kumpanija u l-għoti ulterjuri ta' inċentivi jitwaqqaf. ([18]) Għalhekk, skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, l-għajnuna mogħtija abbażi ta' dawk il-ftehimiet qatt ma setgħet taqbeż dak li kien awtorizzat skont l-Iskema.

(46) Rigward il-Ftehim ta' Investiment Becromal, il-fehma tal-awtoritajiet Iżlandizi hija li Becromal ma ħaditx deċiżjonijiet vinkolanti rigward l-investiment ikkonċernat qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema. Barra minn hekk, Becromal s'issa għadha ma ħadet ebda deċiżjoni rigward l-investiment lejn […]. Kieku Becromal kellha tiddeċiedi li tmexxi 'l quddiem l-investiment tagħha f'[…], abbażi ta' valutazzjoni indipendenti u deċiżjoni separata mill-kumpanija, l-awtoritajiet Iżlandiżi kkunsidraw li dan l-investiment ikun eliġibbli għall-appoġġ mill-Iskema, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet neċessarji kollha.

(47) F'dak li jirrigwarda l-Ftehim ta' Investiment Verne, l-awtoritajiet Iżlandiżi esprimew il-fehma li Verne kellha inċentiv li ġġib il-proġett imsemmi fih taħt l-Iskema, fid-dawl tad-deċiżjoni tagħha li tirtira mill-proġett oriġinali tagħha ta' ċentru tad-dejta u twaqqaf il-kostruzzjoni kollha fuq is-sit minħabba l-kriżi finanzjarja.

(48) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi argumentaw li l-Ftehim ta' Investiment Verne jikkonċerna proġett ġdid, mhux relatat mal-proġett oriġinali (li minn Diċembru 2009 sar kompletament barra minn żmienu). Huma jgħidu li dan il-ftehim ġdid juri karatteristiċi kuntrattwali differenti:

a. Il-partijiet huma differenti;

b. Ġie injettat kapital ġdid fl-entità l-ġdida stabbilita biex tibbenefika mill-Iskema;

c. Il-livell potenzjali ta' investiment huwa iktar baxx;

d. Jikkonċerna l-bini ġdid ta' spazju u infrastruttura ta' ċentru ta' dejta;

e. Il-partijiet mhumiex eżentati mill-obbligi ġuridiċi bħal restrizzjonijiet fuq kontrolli tal-kapital, tariffi industrijali, tariffi ta' konnessjonijiet ta' toroq eċċ, kif ukoll

f. Jimponi obbligi addizzjonali fir-rigward tat-trasferiment tal-ishma.

(49) L-awtoritajiet Iżlandiżi argumentaw ukoll li l-Ftehim ta' Investiment Verne mis-27 ta' Settembru 2011 huwa iktar ristrett fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu milli l-ftehim tal-2009 fir-rigward tal-benefiċċji tal-għajnuna mill-Istat li jipprovdi. Pereżempju, it-taxxa fuq l-introjtu pagabbli hija stabbilita fir-rata ta' 20 %, milli 15 %, kif kien il-każ skont il-Ftehim tal-2009. Barra minn hekk, il-perjodu ta' żmien huwa 13-il sena (minflok 20 sena), u s-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet Iżlandiżi huma estiżi.

([17]) Invest in Iceland hija aġenzija tal-gvern li tipprovdi informazzjoni għall-investituri barranin dwar opportunitajiet ta' investiment fl-Iżlanda u l-ambjent tan-negozju. Invest in Iceland tiġbor ukoll dejta dwar l-ambjent tan-negozju fl-Iżlanda, torganizza żjarat fuq il-post u laqgħat ma' investituri potenzjali, tagħmel lobbying għal kundizzjonijiet imtejba għall-investituri barranin u tinfluwenza l-korp leġiżlattiv. Invest in Iceland twaqqfet bl-Att Nru 38/2010, l-Att Nippromwovu lill-Iżlanda. Iktar tagħrif huwa disponibbli onlajn fuq: http://www.invest.is/.

([18]) Ara l-Artikolu 22.5 tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið, l-Artikolu 21.5 tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil, l-Artikolu 22.5 tal-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan u l-Artikolu 20.5 tal-Ftehim ta' Investiment Marmeti.

(50) Għaldaqstant, l-awtoritajiet Iżlandiżi kienu tal-fehma li l-Ftehim ta' Investiment Verne jikkonforma għal kollox mat-termini tal-Iskema.

### 5.1.3. **L-emendi nnotifikati**

(51) Rigward l-emendi nnotifikati għall-Iskema wara l-adozzjoni tal-Att Nru 25/2013, l-awtoritajiet Iżlandiżi huma tal-fehma li dawn ma għandhomx jitqiesu bħala parti mill-Iskema sakemm l-Awtorità tkun approvathom. Madankollu, minħabba li l-Awtorità ma approvatx l-emendi nnotifikati qabel l-iskadenza tal-Iskema kollha, huma ma daħlux fis-seħħ.

### 5.1.4. **Miżuri ssuġġeriti**

(52) Rigward ir-Regolament Supplimentari, l-awtoritajiet Iżlandiżi esprimew ir-rieda tagħhom li jirtirawh jew jannullawh b'effett immedjat.

(53) L-awtoritajiet Iżlandiżi ssuġġerew dan li ġej:

a. Iċ-ċifri fil-kalkoli tal-analiżi tal-kost-benefiċċju, li għamlet l-Aġenzija Invest in Iceland, se jiddaħlu fil-ftehimiet ta' investiment, kif ukoll fi kwalunkwe ftehim fil-futur.

b. Il-ftehimiet ta' investiment, kif ukoll kwalunkwe ftehim fil-futur, se jiġi emendat biex jipprovdi referenza għal-limitu massimu ġenerali tal-kostijiet tal-investiment eliġibbli.

c. Id-dispożizzjoni fil-Ftehimiet ta' Investiment Kísilfélagið, Verne, GMR Endurvinnslan u Marmeti, li l-benefiċjarji għandhom "f'każ li jsiru emendi fl-Att Nru 99/2010 li jitqiesu mill-Kumpanija, bħala li jipprevedu inċentivi ulterjuri minn dak li diġà huwa stipulat fl-Att", id-dritt li jkollhom il-ftehimiet ta' investiment tagħhom emendati u jiġu pprovduti b' "emendi ġodda li għandhom jidħlu fis-seħħ mid-data tal-iffirmar tal-Ftehim emendat", se titħassar.

d. Il-klawżola mdaħħla fil-Ftehimiet ta' Investiment Becromal u Thorsil li tippermetti l-possibbiltà ta' estensjoni tal-perjodu ta' għajnuna lil hinn mill-perjodu massimu previst fl-Iskema se titħassar.

## 5.2. ***Kummenti minn Becromal***

(54) Becromal argumentat li l-ftehim ta' investiment tagħha jikkonforma mal-prinċipji ta' kompatibbiltà tal-għajnuna reġjonali skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar Kriterji għall-Valutazzjoni Ddettaljata tal-Għajnuna Reġjonali għall-Proġetti Kbar ta' Investiment ("Il-linji Gwida LIP"). ([19]) Barra minn hekk, hija tgħid li l-inċentivi tal-investiment mogħtija lil Becromal huma konsistenti mal-inċentivi previsti fl-Iskema.

(55) B'mod partikolari, Becromal qalet li l-miżuri ta' għajnuna għandhom effetti pożittivi: żieda fit-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien ta' impjiegi (impjiegi diretti u indiretti), żieda fil-ħtiġijiet tat-taħriġ għall-akkwist ta' ħiliet speċifiċi, u effetti ta' raggruppament.

(56) Becromal tikkunsidra wkoll li l-għajnuna mill-istat kienet l-istrument xieraq sabiex jinħoloq ambjent ekonomiku stabbli fl-Iżlanda u jistimola l-investimenti barranin.

(57) Fir-rigward tal-kunċett tal-effett ta' inċentiv, Becromal ma taqbilx mar-referenza tal-Awtorità fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ għas-sentenza *Kronoply*, li abbażi tagħha l-Awtorità argumentat li tista' tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-effett ta' inċentiv b'referenza għaċ-ċirkostanza ta' natura kronoloġika. ([20]) Hija tgħid li dan il-każ ikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali tal-1998 u minn dak iż-żmien, l-eżaminazzjoni ta' każijiet ta'

([19]) Disponibbli fuq: http://www.eftasurv.int/media/state-aid-guidelines/Part-III——Criteria-for-an-In-depth-Assessment-of-Regional-Aid-to-Large-Investment-Projects.pdf.
([20]) Kawża T-162/06 *Kronoply* [2009] Ġabra II-1, paragrafu 101.

għajnuna mill-Istat inbidlet bl-introduzzjoni ta' analiżi ekonomika iktar irfinata. ([21]) Għalhekk, meta tivvaluta l-effett ta' inċentiv tal-għajnuna, l-Awtorità għandha tivvaluta wkoll in-natura ekonomika tal-għajnuna (*jiġifieri* jekk ikkontribwietx għal bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna). ([22])

(58) Barra minn hekk, Becromal issostni li x-xiri tal-art u/jew il-bini ta' impjant mhux neċessarjament jimmarka l-bidu ta' deċiżjoni ta' investiment, minħabba li tali investiment faċilment jista' jinbiegħ fi kwalunkwe ħin. Minflok, l-ordni ta' tagħmir imfassal apposta għal tip speċifiku ta' impjant għandu jikkostitwixxi l-"bidu tax-xogħol" skont it-tifsira tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali (RAG). Skont Becromal, ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-impjant beda fl-2008, wara li saret offerta formali mill-awtoritajiet Iżlandiżi biex jikkonkludu ftehim ta' investiment. Madankollu, fil-fehma ta' Becromal, ma ġiex ordnat tagħmir speċjalizzat qabel l-2009, meta n-negozjati għall-ftehim ta' qabel l-investiment kienu diġà nbdew.

(59) Barra minn hekk, diġà sar investiment ta' madwar EUR 76 miljun fil-Fażi I tal-proġett Becromal. ([23]) […].

(60) Becromal issottomettiet ukoll ittra ddatata fl-20 ta' Settembru 2013, mill-eks Ministru tal-Industrija, li fiha dan tal-aħħar jikkonferma li l-Gvern qabel li jikkonkludi ftehim ta' investiment mal-kumpanija fl-2007 u li x-xogħol fuq il-ftehim kien beda fl-2008. Filwaqt li kien qiegħed jiġi abbozzat ftehim ta' investiment, ġie deċiż bħala miżura interim sakemm jiġi finalizzat il-ftehim sħiħ, biex tiġi ffirmata forma eħfef ta' ftehim ta' investiment ma' Becromal li jipprovdi lill-kumpanija b'eżenzjonijiet mill-kontrolli tal-kapital.

(61) Skont Becromal, it-talba tagħha biex tidħol fi ftehim ta' investiment komplut fl-2009 ġiet irrifjutata. Fid-dawl ta' dan, l-awtoritajiet Iżlandiżi rrifjutaw li jidħlu fi ftehim ta' investiment mal-kumpanija sakemm l-iskema ta' inċentiv għall-investiment tkun ġiet stabbilita. Barra minn hekk, skont Becromal fl-2009, ġie ffirmat ftehim ta' preinvestiment li jipprovdi lill-Becromal b'eżenzjoni mill-kontrolli tal-kapital. Il-ftehim ta' investiment komplut ma kienx iffirmat qabel l-2010, bħala konsegwenza tal-iżvilupp tal-iskema ta' inċentivi għall-investiment u l-kriżi ekonomika.

(62) Barra minn hekk, Becromal argumentat li l-benefiċċji sħaħ tal-inċentivi skont il-ftehim għadhom ma ġewx realizzati, Skont l-informazzjoni pprovduta ma ngħatat ebda għajnuna għat-taħriġ s'issa mill-awtoritajiet Iżlandiżi, filwaqt li l-għajnuna li waslet s'issa skont il-Ftehim ta' Investiment ta' Becromal jammonta għal:

| | |
|---|---|
| 20 % tnaqqis fit-tariffi tas-sigurtà soċjali | EUR […] |
| Eżenzjoni mid-dazji tas-sisa | EUR […] |
| Tnaqqis fit-taxxi tal-boll | EUR […] |
| **Total** | **EUR […]** |

(63) Becromal barra minn hekk qalet li l-miżuri tal-għajnuna ma jaffettwawx il-kummerċ fiż-ŻEE, minħabba li s-suq tal-anode foils użati fil-kapasiters elettrolittiċi tal-aluminju huwa globali, u l-ikbar kompetituri huma l-kumpaniji minn […].

## II. **VALUTAZZONI**

### 1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-VALUTAZZJONI

(64) Fid-dawl tal-informazzjoni li waslet matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità tikkunsidra li huwa xieraq li jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tagħha.

([21]) Kawżi magħquda C-630/11 P to 633/11 P *HGA Srl* ECLI:EU:C:2013:387.

([22]) Kif ikkwotat fis-sottomissjoni ta' Becromal: "Għalhekk, ix-xiri tal-art u/jew il-bini ta' impjant mhux neċessarjament jimmarka l-bidu ta' deċiżjoni ta' investiment. Tali investiment jista' jinbiegħ faċilment fi kwalunkwe żmien. Madankollu, l-ordni ta' tagħmir maħsub apposta għal tip speċifiku ta' impjant jikkostitwixxi l-bidu tax-xogħol" (paġna 10).

([23]) Għal deskrizzjoni ulterjuri tal-proġett Becromal ara t-Taqsima II.4 hawn taħt.

### 1.1. *Skadenza tal-iskema*

(65) L-Iskema, kif approvata bid-Deċiżjoni Nru 390/10/COL, skadiet fil-31 ta' Diċembru 2013.

(66) L-emendi nnotifikati għall-iskema (stabbiliti fl-Att Nru 25/2013), ma daħlux fis-seħħ, minħabba li ma kinux approvati mill-Awtorità qabel l-iskadenza tal-Iskema stess. Għalhekk, jirriżulta li l-emendi nnotifikati ma kienu ta' ebda benefiċċju għall-kumpaniji li kienu diġà ffirmaw ftehim ta' investiment mal-awtoritajiet Iżlandiżi.

(67) L-iskadenza tal-Iskema jfisser li mhu se jiġi konkluż ebda Ftehim taħtha.

(68) L-Awtorità għalhekk tqis li ma għadhiex meħtieġa investigazzjoni formali tal-Iskema, mibdija skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ. Għaldaqstant, l-Awtorità tagħlaq l-investigazzjoni fir-rigward tal-Iskema nnifisha, minbarra f'dak li jirrigwarda l-emendi mressqa mir-Regolament Supplimentari.

(69) Rigward l-emendi mressqa mir-Regolament Supplimentari (dwar l-applikazzjoni tal-effett ta' inċentiv skont l-Iskema, it-taxxa massima korporattiva applikabbli, u d-data għall-kalkolu tal-perjodu massimu tal-eżenzjonijiet mit-taxxa permessi taħt l-Iskema), l-Awtorità se tivvaluta (i) jekk dawn l-emendi jikkostitwux għajnuna mill-Istat u jekk iva, (ii) in-natura tal-għajnuna eżistenti tal-miżuri.

### 1.2. *Il-Ftehim ta' Investiment Marmeti*

(70) Il-Ftehim ta' Investiment Marmeti jikkonċerna l-kostruzzjoni u l-operat ta' fabbrika li tipproċessal-ħut f'Sandgerði. L-operazzjonijiet ta' Marmeti involvew it-tmelliħ u t-tnixxif tal-frott tal-baħar. Marmeti twaqqfet fl-2012 u bdiet l-operat tagħha fi Frar 2013. Il-kumpanija kienet operazzjonali għal 8 xhur u fit-18 ta' Frar 2014 Marmeti ġiet iddikjarata falluta.

(71) Sabiex japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' għajnuna mill-Istat fl-Artikoli 61 sa 63 tal-Ftehim ŻEE, l-għajnuna għandha tingħata lill-impriżi involuti fil-produzzjoni ta' prodotti taħt il-kopertura tal-prodott tal-Ftehim ŻEE. L-Artikolu 8(3) tal-Ftehim ŻEE jgħid kif ġej:

> "Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim japplikaw biss għal:
>
> (a) prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifika tal-Kommoditajiet, minbarra l-prodotti elenkati fil-Protokoll 2;
>
> (b) prodotti speċifikati fil-Protokoll 3, soġġett għal arranġamenti speċifiċi stabbiliti f'dak il-Protokoll."

(72) Għalhekk, l-Artikolu 8(3) tal-Ftehim ŻEE jillimita l-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Ftehim ŻEE għall-prodotti msemmija hawn fuq, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Ftehim ŻEE. Il-ħut u l-prodotti tas-sajd, sakemm ma jaqgħux taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifika tal-Kommoditajiet (HS) jew huma speċifikati fil-Protokoll 3, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tal-Ftehim ŻEE. Għalkemm l-Artikolu 4 tal-Protokoll 9 tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li kwalunkwe għajnuna "[…] mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat lis-settur tas-sajd li tgħawweġ il-kompetizzjoni għandha titneħħa", il-kompetenza li tiġi vvalutata l-għajnuna mill-Istat għas-settur tas-sajd tibqa' tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE. ([24])

(73) L-Awtorità qiegħda tifhem li l-prodotti manifatturati minn Marmeti jaqgħu taħt il-Kapitoli 03, 05, 15, 16 u 23 tas-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifika tal-Komoditajiet (HS) u għaldaqstant ma kinux jaqgħu taħt il-kopertura tal-prodotti tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, l-Awtorità ma għandhiex il-kompetenza li tivvaluta l-għajnuna potenzjali mogħtija taħt il-Ftehim ta' Investiment Marmeti.

(74) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tagħlaq l-investigazzjoni tagħha tal-Ftehim ta' Investiment Marmeti.

([24]) Għal analiżi ulterjuri tal-iskop tal-prodott tal-ftehim ŻEE u l-kompetenza tal-Awtorità fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, ara d-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA 176/05/COL rigward l-allegata għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd, disponibbli fuq: http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkID=10276&1=1.

### 1.3. *Konklużjoni*

(75) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità se tillimita l-valutazzjoni tagħha tal-emendi tal-Iskema, imressqa mir-Regolament Supplimentari, u l-impatt li dawk l-emendi kellhom fuq il-ftehimiet ta' investiment iffirmati ma' Becromal, Kísilfélagið, Verne, Thorsil u GMR Endurvinnslan (il-"ħames Ftehimiet ta' Investiment").

## 2. IL-PREŻENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

### 2.1. *Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE*

(76) L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE jgħid kif ġej:

"Ħlief jekk ikun previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi mill-Istat fi kwalunkwe forma li tgħawweġ jew li thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sa fejn din taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, hija inkompatibbli mal-funzjonament ta' dan il-Ftehim.".

(77) F'dan li ġej, l-Awtorità se tivvaluta jekk il-kriterji għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE humiex issodisfati għal (i) l-Iskema kif emendata bir-Regolament Supplimentari u (ii) il-ħames Ftehimiet ta' Investiment.

### 2.2. *Preżenza ta' riżorsi tal-Istat*

(78) Sabiex wieħed jikkwalifika għal għajnuna mill-Istat, għandu jingħata vantaġġ mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat. Għal finijiet tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat, it-terminu "Stat" ikopri wkoll korpi reġjonali u lokali. ([25]) Telf ta' introjtu mit-taxxa huwa ekwivalenti għall-konsum ta' riżorsi tal-Istat fil-forma ta' nefqa fiskali u appoġġ mill-Istat jista' jiġi pprovdut kemm minn provvedimenti tat-taxxa ta' natura leġiżlattiva, regolatorja jew amministrattiva kif ukoll permezz tal-prattiki tal-awtoritajiet tat-taxxa. ([26]) Tnaqqis fil-bażi tat-taxxa jew tnaqqis totali jew parzjali fuq l-ammont ta' taxxa, tariffi jew imposti, jinvolvi telf ta' introjtu u għalhekk huwa ekwivalenti għall-konsum tar-riżorsi tal-Istat fil-forma ta' nefqa fiskali.

#### 2.2.1. **L-Iskema kif emendata mir-Regolament Supplimentari**

(79) L-Awtorità fid-Deċiżjoni Nru 390/10/COL ikkonkludiet li l-Iskema kkostitwiet trasferiment ta' riżorsi mill-Istat. L-emendi mressqa mir-Regolament Supplimentari ma jbiddlux dik il-konklużjoni.

#### 2.2.2. **Il-ħames Ftehimiet ta' Investiment**

(80) B'mod partikolari, il-ħames Ftehimiet ta' Investiment inkludew id-derogi li ġejjin mit-taxxi u l-imposti:

a. Ir-rata massima ta' taxxa fuq l-introjtu tal-kumpaniji għall-kumpanija li tinvesti fil-proġett rilevanti ġiet stabbilita fil-livell tar-rata applikabbli fiż-żmien meta ġie ffirmat ftehim bejn il-kumpanija u l-Ministeru tal-Industrija.

b. Ingħataw derogi mir-regoli fuq id-deprezzament:

   i. Deprezzament tal-assi li ma għandhomx valur residwu, minflok ir-rata tat-taxxa statutorja fuq id-dħul ta' 10 % prevista fl-Att Nru 90/2003, u

   ii. Il-benefiċjarju jista', fis-sena meta l-assi jibdew joperaw, jagħżel li jiddepprezza tali assi b'fattur proporzjonali tad-deprezzament annwali, minflok deprezzament ta' sena sħiħa, kif mitlub mill-Artikolu 34 tal-Att 90/2003.

([25]) Kawża 248/84 *il-Ġermanja vs il-Kummissjoni* [1987] Ġabra 4013, paragrafu 17.
([26]) Ara l-paragrafu 3 tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar it-Tassazzjoni tan-Negozju.

c. Ingħataw eżenzjonijiet mit-tariffi industrijali stabbiliti fl-Att Nru 134/1992 u mit-tariffi tas-suq stabbiliti fl-Att Nru 160/2002.

d. It-taxxa tal-boll fuq dokumenti relatati mal-investiment ġiet stabbilita fil-livell ta' 0,15 % minflok it-taxxa statutorja tal-boll prevista fl-Att 36/1978.

e. Ingħataw eżenzjonijiet mit-tariffa għall-kontroll tas-sikurezza tal-elettriku stabbilita fl-Artikoli 14(1)(1), 14(1)(4) u 14(1)(5) tal-Att Nru 146/1996.

f. Ir-rata tat-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà ġiet stabbilita f'livell ta' 30 % inqas mir-rata massima stabbilita fil-Kapitolu II tal-Att Nru 4/1995.

g. It-tariffa tas-sigurtà soċjali ġenerali kienet stabbilita f'livell ta' 20 % inqas minn dak li ġie stipulat fl-Artikolu 2(3) tal-Att Nru 113/1990.

h. Ingħataw eżenzjonijiet mid-dazji skont l-Att Nru 88/2005 u mid-dazji tas-sisa skont l-Att Nru 97/1987.

(81) Barra minn hekk, il-Preambolu tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið jirreferi għal ftehim bejn Kísilfélagið, il-Muniċipalità ta' Reykjanesbær u l-Harbour Fund Company dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji u l-Imposti relatati mal-Proġett, inklużi prinċipji dwar taxxa fuq il-proprjetà u l-lokazzjoni tal-art. ([27]) Il-lokazzjoni tal-art jew il-proprjetà taħt il-prezz tas-suq tinvolvi telf ta' introjtu u għalhekk trasferiment tar-riżorsi tal-Istat.

(82) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li r-riżorsi tal-Istat huma involuti wkoll fil-ħames Ftehimiet ta' Investiment.

### 2.3. *Preferenzi għal ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti*

#### 2.3.1. **L-Iskema kif emendata mir-Regolament Supplimentari**

(83) L-Awtorità fid-Deċiżjoni Nru 390/10/COL ikkonkludiet li l-Iskema kienet selettiva, u kienu biss impriżi li jinvestu f'ċerti reġjuni fl-Iżlanda għal assistenza skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE li setgħu jirċievu għajnuna minghandha. L-Awtorità tikkonkudi wkoll li l-Iskema tippermetti benefiċjari li jinħelsu minn parti tal-ispejjeż li normalment ikollhom iġorru huma stess fil-perkors tan-negozju tagħhom. Dawn l-ispejjeż inkludew il-pagament ta' rata ta' taxxa fuq il-kumpaniji fi kwalunkwe żmien, it-taxxa muniċipali standard fuq il-proprjetà u t-tariffi ġenerali applikabbli tas-sigurtà soċjali.

(84) L-Awtorità taċċetta l-argument tal-awtoritajiet Iżlandiżi li l-emendi tal-Iskema mressqa mir-Regolament Supplimentari jestendu l-vantaġġi mogħtija skont l-Iskema lil Becromal. Għalhekk, l-emendi mressqa mir-Regolament Supplimentari jikkostitwixxu miżura selettiva, minħabba li jikkonċernaw kumpanija partikolari.

(85) Għaldaqstant, l-Awtorità tikkonkludi li r-Regolament Supplimentari jiffavorixxi ċerti impriżi u l-produzzjoni ta' ċerti prodotti skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE

#### 2.3.2. **Il-ħames Ftehimiet ta' Investiment**

(86) Bl-istess mod, il-benefiċjarji tal-ħames Ftehimiet ta' Investiment huma kumpaniji individwali u għalhekk il-miżuri huma selettivi.

(87) Id-definizzjoni ta' għajnuna hija usa' minn dik ta' sussidju, minħabba li tinkludi mhux biss benefiċċji pożittivi, bħas-sussidji stess iżda wkoll miżuri tal-Istat, li f'diversi forom jagħmlu tajjeb għall-imposti li normalment huma

([27]) Il-bejgħ u l-lokazzjoni ta' art mill-Istat inqas mill-valur tas-suq kienet waħda mill-miżuri ta' għajnuna previsti fl-Iskema, ara t-Taqsima I.2.5.2.6 u t-Taqsima I.2.5.3 tad-Deċiżjoni Nru 390/10/COL.

inklużi fil-baġit ta' impriża u li għalhekk, mingħajr mhuma sussidji fis-sens strett tal-kelma, huma simili fin-natura u għandhom l-istess effett. ([28]) Skont ġurisprudenza stabbilita, miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu eżenzjoni mit-taxxa lil ċerti impriżi, għalkemm ma jinvolvux trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, u li tpoġġi lil dawk li l-eżenzjoni tapplika għalihom, f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli minn kontributuri fiskali oħra, tikkostitwixxi għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat. ([29])

(88) Il-ħames Ftehimiet ta' Investiment ippermettew lill-benefiċjarji biex jinħelsu minn parti mill-ispejjeż li normalment ikollhom iġarrbu huma stess fil-perkors tan-negozju tagħhom, bħal pereżempju l-ħlas ta' rata tat-taxxa fuq il-kumpaniji applikabbli fi kwalunkwe ħin, it-taxxa muniċipali standard fuq il-proprjetà u l-imposti ġeneralment applikabbli tas-sigurtà soċjali.

(89) Għalhekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-ħames Ftehimiet ta' Investiment jiffavorixxu lil ċerti impriżi u l-produzzjoni ta' ċerti oġġetti skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

### 2.4. ***Tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti***

(90) Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tal-kategorizzazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala għajnuna mill-Istat, mhux meħtieġ li wieħed juri li l-għajnuna għandha effett reali fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti u li l-kompetizzjoni attwalment qiegħda titgħawweġ, iżda li jiġi analizzat jekk dik l-għajnuna hix probabbli li taffettwa t-tali kummerċ u li tgħawweġ il-kompetizzjoni. ([30])

(91) Barra minn hekk, meta għajnuna mogħtija minn Stat tal-EFTA ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriża oħra li tikkompeti fil-kummerċ ġewwa ż-ŻEE, din tal-aħħar għandha titqies bħala influwenzata minn dik l-għajnuna. ([31])

#### 2.4.1. **L-Iskema kif emendata mir-Regolament Supplimentari**

(92) L-Awtorità fid-Deċiżjoni 390/10/COL ikkonkludiet li l-Iskema saħħet is-sitwazzjoni kompetittiva tal-impriżi appoġġati fir-reġjuni eliġibbli, meta mqabbla mal-kompetituri attwali u potenzjali fiż-ŻEE. L-emendi mressqa mir-Regolament Supplimentari ma jbiddlux dik il-konklużjoni.

#### 2.4.2. **Il-ħames Ftehimiet ta' Investiment**

(93) Il-Ftehim ta' Investiment Becromal isaħħaħ is-sitwazzjoni kompetittiva ta' Becromal fir-rigward ta' produtturi oħra ta' fojls tal-aluminju anodizzati għall-kapasiters elettrolittiċi. Kif kien ikkonfermat minn Becromal, is-suq tal-fojls tal-anodu użati fil-kapasiters elettrolittiċi tal-aluminju huwa wieħed globali u fost il-klijenti ta' Becromal hemm kumpaniji fi […] u […]. Għalhekk, il-fatt li l-ikbar kompetituri ta' Becromal huma kumpaniji minn […] ma jfissirx li ma hemmx effett fuq il-kummerċ fiż-ŻEE.

(94) Il-Ftehim ta' Investiment Verne jsaħħaħ is-sitwazzjoni kompetittiva ta' Verne fir-rigward ta' ċentri ta' dejta oħra stabbiliti fl-Iżlanda. Barra minn hekk, Verne topera ċentru ta' dejta globali fuq il-livell tal-operaturi fejn is-servizz se jkun disponibbli għall-klijenti fiż-ŻEE u għas-suq globali.

(95) Il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið jsaħħaħ is-sitwazzjoni kompetittiva ta' Kísilfélagið fir-rigward ta' produtturi oħra ta' siliċju ta' grad metallurġiku u Trab tas-siliċju. Is-suq tas-siliċju ta' grad mettallurġiku u tat-trab tas-siliċju huwa globali.

(96) Il-Ftehim ta' Investiment Thorsil isaħħaħ is-sitwazzjoni kompetittiva ta' Thorsil fir-rigward ta' produtturi oħra ta' tas-siliċju metallurġiku. Kif innotat fil-Preambolu tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil, il-proġett kien *inter alia* mibdi biex tiġi ssodisfata d-domanda ikbar għas-siliċju metallurġiku fl-Ewropa u fl-Amerika ta' Fuq.

---

([28]) Ara b'mod partikolari, il-Kawża C-143/99 *Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke* [2001] Ġabra I-8365, paragrafu 38; il-Kawża C-501/00 *Spanja vs il-Kummissjoni* [2004] Ġabra I-6717, paragrafu 90; u l-Kawża C-66/02 l-*Italja vs il-Kummissjoni* [2005] Ġabra I-10901, paragrafu 77.

([29]) Ara f'dan ir-rigward il-Kawża C-387/92 *Banco Exterior de España* [1994] Ġabra I-877, paragrafu 14; u l-Kawża C-222/04 *Cassa di Risparmio di Firenze u Oħrajn* [2006] Ġabra I-289, paragrafu 132.

([30]) *Cassa di Risparmio di Firenze*, paragrafu 140.

([31]) Ibid, paragrafu 141.

(97) Il-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan isaħħaħ is-sitwazzjoni kompetittiva ta' GMR Endurvinnslan fir-rigward ta' kumpaniji oħra tar-riċiklaġġ tal-azzar u produtturi tal-azzar. Il-kumpanija beħsiebha tesporta l-maġġoranza tal-prodotti tagħha lil xerrejja fl-industrija tal-kostruzzjoni. ([32])

(98) Għaldaqstant, l-Awtorità tikkonkludi li l-ħames Ftehimiet ta' Investiment isaħħu s-sitwazzjoni ta' kompetittività tal-intrapriżi appoġġati fir-reġjuni eliġibbli meta mqabbla mal-kompetituri attwali jew potenzjali tagħhom fiż-ŻEE.

## 2.5. ***Konklużjoni***

(99) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-emendi mressqa mir-Regolament Supplimentari u l-ħames Ftehimiet ta' Investiment jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

# 3. L-EMENDI TAR-REGOLAMENT SUPPLIMENTARI — MIŻURA TA' GĦAJNUNA ĠDIDA

## 3.1. ***Alterazzjoni sostanzjali tal-iskema***

(100) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, l-Awtorità esprimiet dubji dwar jekk għajnuna taħt il-Ftehimiet ta' Investiment ingħatawx jew le taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema, minħabba li *prima facie* l-ftehimiet dehru li kienu affettwati mill-emendi fl-Iskema mressqa mir-Regolament Supplimentari.

(101) Skont l-Artikolu 1(c) Parti II tal-Protokoll 3 "alterazzjonijiet għall-għajnuna eżistenti" għandhom jitqiesu bħala għajnuna ġdida. Skont l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 27 tal-Parti II tal-Protokoll 3 (id-"Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni"), "[…] tibdel fl-għajnuna eżistenti hija kwalunkwe bidla, minbarra modifiki ta' natura purament formali jew amministrattivi li ma jistgħux jaffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura tal-għajnuna mas-suq komuni". Għalhekk alterazzjonijiet li ma jikkonċernawx is-sustanza tal-għajnuna ma jaffettwawx kif tiġi kklassifikata l-miżura.

(102) L-emendi li saru mir-Regolament Supplimentari jippermettu li tingħata għajnuna lil proġetti li x-xogħol fuqhom kien diġà nbeda qabel ma saret l-għotja ta' għajnuna — tabilħaqq qabel ma daħlet fis-seħħ l-Iskema.

(103) L-emendi li ressaq ir-Regolament Supplimentari jbiddlu l-fatturi bażiċi tal-iskema. B'mod partikolari, tneħħa r-rekwiżit tal-Iskema tal-effett ta' inċentiv. Dan ir-rekwiżit kien parti sostanzjali mill-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri tal-għajnuna skont l-Iskema kif approvata oriġinarjament (kif deskritt fid-Deċiżjoni Nru 390/10/COL).

(104) Għalhekk, l-Awtorità hija tal-fehma li l-emendi għall-Iskema li saru mir-Regolament Supplimentari jikkostitwixxu alterazzjoni sostanzjali tal-iskema kif approvata.

(105) Billi, skont l-Artikolu 1(c) Parti II tal-Protokoll 3, alterazzjonijiet tal-għajnuna eżistenti għandhom jitqiesu bħala għajnuna ġdida, tqum il-kwistjoni jekk hix l-għajnuna eżistenti alterata li għandha tiġi kklassifikata bħala għajnuna ġdida, jew hux l-alterazzjonijiet biss li għandhom jitqiesu bħala tali. Fis-sentenza tagħha fil-kawża ta' *Ġibiltà*, il-Qorti Ġenerali qalet li:

> "[…] Huwa biss meta l-alterazzjoni taffettwa s-sustanza attwali tal-iskema oriġinali li din tal-aħħar hija trasformata f'miżura ta' għajnuna ġdida. Ma jistax ikun hemm dubju dwar tali alterazzjoni sostantiva meta l-element ġdid b'mod ċar jista' jinqata' mill-iskema inizjali." ([33])

(106) Konsegwentement, l-Awtorità għandha tivvaluta jekk l-alterazzjonijiet imressqa mir-Regolament Supplimentari jistgħux jinqatgħu mill-Iskema inizjali. Jekk dan huwa l-każ, l-alterazzjonijiet jikkostitwixxu bħala tali għajnuna ġdida u għaldaqstant għandhom jiġu valutati fid-dawl tal-Artikolu 61(3)(c) u l-Linji Gwida tal-Awtorità dwar Għajnuna Reġjonali għall-2007-2013 ("l-RAG tal-2007"). ([34])

([32]) Ara http://www.mbl.is/vidskipti/frettir/2012/03/31/ny_verksmidja_opnud_i_byrjun_naesta_ars/.

([33]) Kawżi konġunti T-195/01 u T-207/01 *Il-Gvern ta' Ġibiltà vs il-Kummissjoni* (*Government of Gibraltar v Commission*) [2002] Ġabra II-2309, paragrafu 109.

([34]) Disponibbli fuq: http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines/.

3.2. ***Alterazzjonijiet li jistgħu jinqatgħu mill-Iskema***

(107) Skont ġurisprudenza stabbilita, alterazzjoni ta' skema tal-għajnuna eżistenti li testendiha għal kategorija ġdida ta' benefiċjarji, b'mod ċar tista' tinqata' mill-iskema inizjali, minħabba li l-applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna eżistenti għall-kategorija ġdida ta' benefiċjarji ma taffettwax il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-iskema inizjali. ([35])

(108) Il-formulazzjoni emendata tal-Artikolu 3(c) tar-Regolament dwar l-Inċentivi tgħid li l-għajnuna tista' tingħata anki lil proġett li beda wara li jkun ġie konkluż ftehim ta' investiment speċjali qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Supplimentari. Din l-emenda wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema lil hinn minn dak li kien approvat bid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 390/10/COL, li ppermettiet li tingħata għajnuna għal proġetti li fuqhom diġà nbeda x-xogħol qabel daħlet fis-seħħ l-Iskema, u għalhekk li kieku ma kinux jissodisfaw it-test tal-effett ta' inċentiv stabbilit bl-Iskema approvata. Ir-Regolament Supplimentari għalhekk fetaħ l-iskema għal kategorija ġdida ta' benefiċjarji. Barra minn hekk, l-Awtorità tikkunsidra li l-emendi li saru mir-Regolament Supplimentari għall-Artikoli 8 u 20 tar-Regolament dwar l-Inċentivi, jiġifieri t-tnaqqis fir-rata ta' referenza għat-taxxa fuq il-kumpaniji u l-estensjoni tal-perjodu massimu tal-eżenzjonijiet fiskali, ġew introdotti biss għall-finijiet tal-kompatibbiltà tal-miżuri individwali diġà koperti mill-Iskema kif approvata.

(109) Għalhekk l-Awtorità tikkunsidra l-emendi mressqa mir-Regolament supplimentari bħala alterazzjoni li b'mod ċar tista' tinqata' mill-Iskema inizjali. Għaldaqstant, l-Awtorità hija tal-fehma li dawn l-emendi għall-Iskema jikkostitwixxu miżura ġdida ta' għajnuna. Barra minn hekk, jirriżulta li kwalunkwe għajnuna mogħtija fuq il-bażi tar-Regolament Supplimentari se titqies ukoll bħala għajnuna ġdida.

3.3. ***Kompatibbiltà tal-miżura ġdida ta' għajnuna***

(110) Għaldaqstant, l-Awtorità tipproċedi biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-emendi tal-Iskema mressqa mir-Regolament Supplimentari.

(111) Fid-Deċiżjoni tagħha Nru 390/10/COL li tapprova l-Iskema, l-Awtorità tgħid li:

> "L-Iskema teskludi l-għoti ta' għajnuna għal proġetti li jkunu diġà nbdew qabel ma jkun daħal fis-seħħ ftehim mal-awtoritajiet Iżlandiżi, b'konformità mal-Artikolu 21 tal-Att dwar l-Inċentivi". ([36])

(112) Barra minn hekk, l-Awtorità f'dik id-Deċiżjoni rreferiet għal asserzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet Iżlandiżi dwar l-effett ta' inċentiv tal-Iskema, kif ġej:

> "Barra minn hekk, ebda għajnuna mhi se tingħata taħt l-Iskema għal proġetti li x-xogħol fuqhom inbeda qabel l-iffirmar ta' ftehim bejn l-Istat u l-benefiċjarju dwar l-għoti ta' għajnuna. L-awtoritajiet Iżlandiżi kkonfermaw li l-iskema teskludi l-għoti ta' għajnuna għal proġetti li nbdew qabel il-pubblikazzjoni tat-test finali tal-Iskema b'konformità mal-paragrafu 93 skont il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali". ([37])

(113) Ir-rekwiżiti u l-metodi għall-verifika tal-eżistenza tal-effett ta' inċentiv tal-għajnuna, kif stabbilit mill-RAG tal-2007, kienu prekundizzjoni għall-approvazzjoni tal-Iskema mill-Awtorità. Madankollu, iż-żieda tar-Regolament Supplimentari tat-test ġdid "jew skont ftehim ta' investiment speċjali qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att" fl-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-Inċentivi jippermetti li jkun hemm għajnuna li tingħata għal proġetti li kienu nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema.

(114) Barra minn hekk, l-emenda li għamel ir-Regolament Supplimentari għall-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-Inċentivi tbiddel ir-rata ta' referenza għat-taxxa fuq il-kumpaniji li tista' tiġi ggarantita lil benefiċjarju bħala rata ta'

([35]) Ara l-Kawża T-189/03 *ASM Brescia vs Il-Kummissjoni* [2009] Ġabra II-1831, paragrafu 106 u l-Kawża T-151/11 *Telefónica de España u Telefónica Móviles España vs il-Kummissjoni* [għadha ma ġietx ippubblikata], paragrafu 64.
([36]) Taqsima I. 2.13.
([37]) Taqsima II.3.6.

taxxa massima. Skont il-verżjoni emendata tal-Artikolu, ir-rata ta' referenza fil-każ ta' "ftehim ta' investiment speċjali" hija rata ta' taxxa tal-kumpaniji fis-seħħ f'punt ta' żmien qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema. Skont il-verżjoni oriġinali tal-Artikolu, ir-rata ta' referenza kienet tkun ir-rata tat-taxxa fiż-żmien li fih kien iffirmat il-ftehim ta' investiment skont l-Iskema. L-Awtorità tikkunsidra li r-Regolament Supplimentari jbiddel it-termini tal-għajnuna għal kwalunkwe benefiċjarju ġdid li jinġieb taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema mill-emendi tar-Regolament Supplimentari.

(115) Fl-aħħar nett, l-emendi li saru mir-Regolament Supplimentari għall-Artikolu 20 tar-Regolament dwar l-Inċentivi jipprevedu perjodu massimu ta' eżenzjonijiet mit-taxxa li jmur lura għall-iffirmar tal-ftehim qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema fl-2010. Dawn l-emendi b'mod simili jbiddlu t-termini tal-għajnuna għal kwalunkwe benefiċjarju ġdid li jinġieb taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema mill-emendi introdotti bir-Regolament Supplimentari.

(116) L-Awtorità hija tal-fehma li l-emendi li saru mir-Regolament Supplimentari jxekklu t-test tal-effett ta' inċentiv stabbilit fl-Artikolu 5 tal-Att 99/2010, kif approvat mill-Awtorità. Barra minn hekk, dawn l-emendi jbiddlu r-rekwiżit oriġinali tal-effett ta' inċentiv tal-Iskema sal-punt fejn il-kundizzjonijiet tal-effett ta' inċentiv deskritti fil-paragrafu 30 tal-RAG tal-2007 ([38]) ma jibqgħux iktar issodisfati.

(117) Għaldaqstant, l-Awtorità tikkonkludi li l-emendi magħmula mir-Regolament Supplimentari għall-Artikoli 3, 8 u 20 tal-Iskema huma għajnuna ġdida li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont it-tifsira tal-Artikolu 61(3)(c) tiegħu u l-RAG tal-2007.

(118) Jirriżulta li kwalunkwe għajnuna mogħtija abbażi tal-emendi li saru mir-Regolament Supplimentari hija wkoll inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(c) u l-RAG tal-2007.

(119) L-Awtorità issa tipproċedi biex teżamina l-ħames Ftehimiet ta' Investiment.

## 4. IL-FTEHIM TA' INVESTIMENT BECROMAL

### 4.1. ***Effett tar-Regolament Supplimentari***

(120) Il-Ftehim ta' Investiment Becromal jirreferi għal investiment f'impjant tal-anodizzazzjoni tal-fojl tal-aluminju li għandu jinbena fil-belt ta' Akureyri f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi kellha tintemm sal-aħħar ta' Marzu 2011 u t-tieni fażi għandha tintemm sal-aħħar tas-sena 2014, għal kost ta' investiment totali ta' madwar EUR 117,25 miljun. ([39])

(121) It-Taqsimiet D, H u I tal-Preambolu tal-Ftehim ta' Investiment Becromal jirreferu għal ftehim ta' investiment preċedenti fuq l-istess proġett, li fih daħlu l-istess partijiet fis-7 ta' Lulju 2009.

(122) Kif innotat qabel, l-awtoritajiet Iżlandiżi ddikjaraw li r-Regolament Supplimentari ġie adottat għall-finijiet tal-estensjoni tal-Iskema għall-proġett Becromal. Fil-fehma tagħhom, l-awtorizzazzjoni lil Becromal biex tapplika għal inċentivi taħt l-Iskema kienet neċessarja sabiex l-awtoritajiet Iżlandiżi jonoraw l-obbligi kuntrattwali tagħhom ma' Becromal.

(123) Ir-referenzi għal "ftehim ta' investiment speċjali qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att" għaldaqstant żdiedu mar-Regolament dwar l-Inċentivi mir-Regolament Supplimentari, sabiex tiġi akkomodata Becromal. Għaldaqstant, Becromal setgħet tilħaq biss it-test tal-inċentiv stabbilit mill-Iskema bis-saħħa tal-emendi introdotti mir-Regolament Supplimentari.

([38]) Il-Paragrafu 30 jgħid: "Huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna reġjonali tipproduċi effett tal-inċentiv reali li tagħmel investimenti li kieku ma kinux isiru fiż-żoni assistiti. Għalhekk, l-għajnuna tista' tingħata biss taħt skemi ta' għajnuna jekk il-benefiċjarju ssottometta applikazzjoni għal għajnuna u l-awtorità li tamministra l-iskema tkun sussegwentement ikkonfermat bil-miktub li, suġġett għall-verifika ddettaljata, fil-prinċipju l-proġett jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stipulati mill-iskema qabel il-bidu tax-xogħol fuq il-proġett."

([39]) Ara l-paragrafi 93 sa 95 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

(124) L-Awtorità diġà kkonkludiet li l-alterazzjonijiet għall-Iskema mressqa mir-Regolament Supplimentari jikkostitwixxu għajnuna ġdida li tista' tinqata' mill-Iskema. Jirriżulta li kwalunkwe għajnuna mogħtija skont il-Ftehim ta' Investiment Becromal b'mod simili ssir għajnuna ġdida, minħabba li dan il-Ftehim ġie konkluż skont il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Inċentivi biss kif emendat mir-Regolament Supplimentari.

(125) L-Awtorità diġa kkonkludiet li kwalunkwe għajnuna mogħtija abbażi tal-emendi li saru mir-Regolament Supplimentari hija għajnuna ġdida li hija inkompatibbli mal-Ftehim ŻEE. Jirriżulta li l-Ftehim ta' Investiment Becromal jikkostitwixxi wkoll għajnuna inkompatibbli, minħabba li ma jissodisfax it-test tal-effett ta' inċentiv stabbilit fl-Iskema kif approvata, u għaldaqstant ma jistax jaqa' taħt dan il-kamp ta' applikazzjoni.

(126) Għall-fini ta' kompletezza u sabiex jiġu indirizzati l-argumenti mressqa minn Becromal u l-awtoritajiet Iżlandiżi, l-Awtorità vvalutat il-Ftehim ta' Investiment Becromal alternattiv bħala miżura *ad hoc*. Għal dan il-għan, l-Awtorità tirreferi għall-RAG tal-2007 u b'mod partikolari għar-rekwiżit tal-effett ta' inċentiv li jinsab fih.

### 4.2. ***Effett ta' inċentiv***

(127) Kif innotat hawn fuq, il-Ftehim ta' Investiment Becromal jirreferi għall-ftehim preċedenti tas-7 ta' Lulju 2009. Iż-żewġ ftehimiet jiffurmaw parti mill-istess proġett li l-Awtorità tqis li jikkostitwixxi *"proġett ta' investiment uniku"* skont it-tifsira tal-paragrafu 49 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 47 tal-RAG tal-2007.

(128) Skont il-paragrafu 30 tal-RAG tal-2007, l-eżistenza tal-effett ta' inċentiv huwa prekundizzjoni neċessarja għall-kompatibbiltà:

> "Huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna reġjonali tipproduċi effett ta' inċentiv reali li jwettaq investimenti li kieku ma kinux isiru fiż-żoni assistiti. Għalhekk, l-għajnuna tista' tingħata biss taħt skema tal-għajnuna jekk il-benefiċjarju jkun issottometta applikazzjoni għal għajnuna u l-awtorità responsabbli għall-amministrazzjoni tal-iskema tkun sussegwentement ikkonfermat bil-miktub li, soġġett għal verifika ddettaljata, il-proġett fil-prinċipju jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti mill-iskema qabel il-bidu tax-xogħol fuq il-proġett. Għandha tiġi inkluża wkoll referenza espressa għaż-żewġ kundizzjonijiet fl-iskemi tal-għajnuna kollha. Fil-każ ta' għajnuna ad hoc, l-awtorità kompetenti kellha toħroġ ittra ta' intenzjoni, soġġetta għall-approvazzjoni tal-miżura mill-Awtorità, biex tingħata għajnuna qabel jibda x-xogħol fuq il-proġett. Jekk ix-xogħol jibda qabel jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu, il-proġett kollu ma jkunx eliġibbli għall-għajnuna".

(129) F'konformità mal-prattiki tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità, ittra ta' intenzjoni skont it-tifsira tal-RAG tal-2007 tista' tiġi deskritta bħala "dokument li jista' jiġi kkunsidrat bħala li espliċitament jagħti għajnuna lil [il-kumpanija] għall-investiment." ([40]) Barra minn hekk, skont il-paragrafu 30 tal-RAG tal-2007 tali ittra ta' intenzjoni għandha tintbagħat lill-Awtorità għall-approvazzjoni qabel ma tingħata l-għajnuna.

(130) L-għan tal-paragrafu 30 tal-RAG tal-2007 huwa li jagħmel possibbli għall-Awtorità li taċċerta jekk għajnuna għall-investiment għandhiex biżżejjed effett ta' inċentiv, mingħajr ma tagħmel analiżi sħiħa taċ-ċirkostanzi ekonomiċi tad-deċiżjoni ta' investiment tal-benefiċjarju fiż-żmien meta saret. ([41]) Jekk tali assigurazzjonijiet ma jingħatawx u jibda x-xogħol, "il-proġett kollu ma jkunx eliġibbli għall-għajnuna"; jiġifieri l-proġett bħala tali ma jkunx eliġibbli. Għalhekk, kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza *Kronoply*, l-Awtorità tista' tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-effett ta' inċentiv billi tagħmel referenza għal ċirkostanza ta' natura kronoloġika. ([42])

---

([40]) Il-Kawża C 8/2009 *Fri-El Acerra S.r.l.* (Italy), paragrafu 40. Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/110/UE tal-15 ta' Settembru 2010 dwar l-għajnuna mill-Istat li l-Italja għandha l-intenzjoni li timplimenta favur Fri-El Acerra S.r.l. C 8/09 (ex N 357/08) (ĠU L 46, 19.2.2011, p. 28) u d-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 418/10/COL biex tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' għajnuna reġjonali dwar il-kostruzzjoni ta' Ċentru tad-Dejta Verne, fit-Taqsima II.3.1.

([41]) Ara l-Kawża T-162/06 *Kronoply* [2009] Ġabra II-1, paragrafu 81: "Kif huwa indikat fil-premessa 30 tad-Deċiżjoni, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-punt 4.2 tal-linji gwida hija intiża sabiex jiġi stabbilit jekk jeżistix effett ta' inċentiv, mingħajr ma jiġi mdewwem bla bżonn l-investiment permezz ta' eżami komplet tal-aspetti ekonomiċi kollha tad-deċiżjoni ta' investiment tal-benefiċjarju tal-għajnuna, li jista' jirriżulta diffiċli wisq u/jew twil wisq. Dan it-tħassib tal-aħħar jispjega l-fatt li s-sempliċi kostatazzjoni tal-preċedenza tat-talba għal għajnuna meta mqabbla mal-bidu tal-eżekuzzjoni tal-proġett ta' investiment tippermetti li tiġi preżunta, skont il-Kummissjoni, l-eżistenza ta' effett ta' inċentiv".

([42]) *Idem*, paragrafu 80. "Għandu jiġi osservat li din id-dispożizzjoni [it-tielet subparagrafu tal-punt 4.2 tal-Linji Gwida 1998 dwar Għajnuna Reġjonali Nazzjonali] tirreferi għal ċirkustanza ta' natura kronoloġika u tirreferi għaldaqstant għal eżami ratione temporis, li huwa kompletament adegwat għall-evalwazzjoni tal-effett ta' inċentiv. Dan tal-aħħar għandu fil-fatt isir f'rabta mad-deċiżjoni ta' investiment tal-impriża kkonċernat, li timmarka l-bidu ta' dan il-proċess dinamiku li jikkostitwixxi neċessarjament investiment ta' operat bħal dak li daħlet għalih ir-rikorrenti".

(131) Becromal argumentat li l-valutazzjoni ta' każijiet ta' għajnuna mill-Istat inbidlet, bl-introduzzjoni ta' analiżi ekonomika iktar irfinata b'tali mod li meta jiġi vvalutat l-effett ta' inċentiv tal-għajnuna, l-Awtorità għandha tivvaluta n-natura ekonomika tagħha (jiġifieri jekk ikkontribwietx għall-bidla fl-imġiba tal-benfiċjarju tal-għajnuna), filwaqt li jitqiesu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida LIP. L-Awtorità ma tistax taċċetta dan l-argument.

(132) Becromal tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*HGA* ([43]) biex targumenta li: "[…]il-Qorti, fl-analiżi tagħha tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tgħid li l-fattur determinat biss dwar jekk il-miżura ta' għajnuna kellhiex effett ta' inċentiv, kien li tivverifika jekk bidlitx l-imġiba tal-investitur u warrbet ir-referenzi kollha li l-Qorti Ġenerali kienet għamlet għall-Kawża Kronoply". ([44])

(133) Madankollu, il-fehim ta' Becromal tas-Sentenza *HGA* jwarrab is-sejba espliċita tal-Qorti tal-Ġustizzja li "[…] ir-rekwiżit li l-proġett ta' investiment jista' jibda qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna huwa kriterju sempliċi, rilevanti u adattat li jippermetti lill-Kummissjoni tassumi li l-għajnuna ppjanata hija neċessarja" ma kienx kwistjoni fil-proċeduri tal-appell. ([45])

(134) Barra minn hekk, il-Prim'Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*Nuova Agricast* ddeċidiet li: "Il-kostatazzjoni ta' nuqqas ta' ħtieġa ta' għajnuna tista' b'mod partikolari toħroġ mill-fatt li l-proġett megħjun ikun diġà nbeda, jew saħansitra mitmum, mill-impriża kkonċernata qabel ma t-talba għal għajnuna tkun tressqet quddiem l-awtoritajiet kompetenti". Il-Qorti qalet ukoll li: "[it-tali każ] jeskludi l-possibbiltà li l-għajnuna kkonċernata jkollha rwol ta' tħajjir". ([46]) L-Awtorità għalhekk hija tal-fehma li f'dan il-każ, huwa xieraq li tibbaża s-sejbiet tagħha tal-inkompatibbiltà fuq il-valutazzjoni kronoloġika: b'mod partikolari li (i) it-test tal-inċentiv stabbilit fl-RAG tal-2007 ma ġiex issodisfat, u li (ii) x-xogħol beda fuq il-proġett qabel il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Investiment u l-għoti tal-għajnuna.

(135) L-Awtorità tirrifjuta wkoll l-argument ta' Becromal li l-Awtorità għandha teżamina l-proġett fid-dawl tal-Linji Gwida LIP u tapplika t-test tal-effett ta' inċentiv stabbilit fih. L-Awtorità tinnota li għal ċerti proġetti kbar ta' investiment, it-test tal-effett ta' inċentiv stabbilit fil-paragrafu 30 tal-RAG tal-2007 (ibbażat fuq rekwiżit kronoloġiku li saret applikazzjoni u l-eliġibbiltà ġiet ikkonfermata qabel jibda x-xogħol) huma ssupplimentat mit-tieni test, li huwa ekonomiku fin-natura tiegħu (ibbażat fuq analiżi ekonomika li l-għajnuna tikkontribwixxi għat-tibdil fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna), previst fil-paragrafu 57 tal-RAG u l-Linji Gwida LIP.

(136) Il-Linji Gwida LIP jipprevedu valutazzjoni ddettaljata għal ċerti proġetti kbar ta' investiment, jiġifieri dawk li għandhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ u li jistgħu jwasslu għal tgħawwiġ sostanzjali tal-kompetizzjoni. ([47]) L-analiżi tal-effett ta' inċentiv f'dawn il-każijiet hija deskritta fil-paragrafu 19 tal-Linji Gwida LIP; hija "[…] se ssir fuq żewġ livelli: l-ewwel, fuq livell ġenerali, proċedurali, u, t-tieni, fuq livell ekonomiku iktar iddettaljat". Jirriżulta li barra mill-applikazzjoni sottomessa qabel jibda x-xogħol fuq proġett, hija meħtieġa wkoll analiżi ekonomika ddettaljata għal ċerti proġetti kbar ta' investiment.

(137) Skont il-paragrafu 3 tal-Linji Gwida LIP u l-paragrafu 49 tal-RAG tal-2007, proġett ta' investiment kbir huwa investiment inizjali b'nefqa eliġibbli ta' iktar minn EUR 50 miljun. Kif intqal qabel, il-Ftehim ta' Investiment Becromal jirreferi għal EUR 117.25 miljun bħala l-kost totali għall-investiment għaż-żewġ fażijiet tal-proġett. Madankollu, la Becromal u lanqas l-awtoritajiet Iżlandiżi ma ssottomettew ebda informazzjoni lill-Awtorità dwar l-intensità tal-għajnuna jew dwar il-kostijiet eliġibbli involuti fil-proġett. Dawn ma pprovdew lanqas ebda informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-obbligu ta' verifika ddettaljata stabbilit fil-Linji Gwida LIP, li jirreferu għalih il-paragrafi 57 (a) u (b) tal-RAG tal-2007 (jiġifieri li l-benefiċjarju tal-għajnuna jammonta għal iktar minn 25 % tal-prodotti kkonċernati fis-suq ikkonċernat, u li l-kapaċità tal-produzzjoni maħluqa mill-proġett hija iktar minn 5 % tas-suq għall-prodott ikkonċernat). Fil-fehma tal-Awtorità, ma hemm xejn li jindika li l-proġett Becromal jaqbeż il-limitu previst fil-paragrafu 57 tal-Linji Gwida tal-2007.

(138) L-Awtorità għalhekk tikkonkludi li l-analiżi ddettaljata prevista fil-Linji Gwida LIP ma tapplikax għall-Ftehim ta' Investiment Becromal.

---

([43]) Kawżi Magħquda C-630/11 P sa C-633/11 P *HGA srl vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2013:387.
([44]) Ara l-ittra minn Becromal, iddatata 30 ta' Settembru 2013, paġna 10.
([45]) *HGA vs il-Kummissjoni*, paragrafi 106-107.
([46]) Kawża C-390/06 *Nuova Agricast* [2008] Ġabra I-2577, paragrafu 69.
([47]) Paragrafu 6.

(139) Konsegwentement, fid-dawl tal-ġurisprudenza u t-test tal-RAG tal-2007, huwa biżżejjed li jiġi aċċertat jekk saritx applikazzjoni għal għajnuna mill-benefiċjarju u jekk ingħatatx konferma bil-miktub mill-awtorità awtorizzanti soġġetta għall-approvazzjoni tal-miżura mill-Awtorità, qabel beda x-xogħol fuq il-proġett.

(140) L-RAG tal-2007 jiddefinixxi t-terminu "bidu tax-xogħol" bħala "l-bidu ta' xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-ewwel impenn sod biex jiġi ordnat tagħmir, minbarra studji preliminari dwar fattibbiltà."

(141) Kif kien ikkonfermat mill-awtoritajiet Iżlandiżi u Becromal, ix-xogħol ta' kostruzzjoni kien beda fuq il-proġett Becromal fl-2008, anki qabel l-iffirmar tal-ftehim preċedenti fis-7 ta' Lulju 2009.

(142) L-Awtorità ma tistax taċċetta l-argument ta' Becromal li l-"bidu tax-xogħol" għandu jiġi limitat għall-ordni ta' tagħmir maħsub apposta għal proġett speċifiku, u li x-xiri ta' art u/jew il-bini ta' impjant mhux neċessarjament jimmarka l-bidu ta' deċiżjoni ta' investiment minħabba li tali investiment jista' faċilment jinbiegħ fi kwalunkwe żmien. Din l-interpretazzjoni stretta mhix konsistenti mat-test tal-RAG tal-2007. Kif innotat hawn fuq, l-RAG tal-2007 jiddefinixxi b'mod ċar "bidu tax-xogħol" bħala jew "il-bidu ta' xogħol ta' kostruzzjoni jew l-ewwel impenn sod għall-ordni ta' tagħmir […]". Din l-interpretazzjoni hija appoġġata mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, li tgħid li anki livell żgħir ta' investiment mill-benefiċjarju huwa biżżejjed biex ikun hemm effetti ġuridiċi, u għaldaqstant jitqies li jikkostitwixxi l-ewwel stadju tax-xogħol. ([48])

(143) Barra minn hekk, l-informazzjoni disponibbli għall-Awtorità turi li Becromal bdiet il-kostruzzjoni fuq l-impjant tagħha fil-bidu tal-2008, ([49]) filwaqt li l-proċedura ta' reklutaġġ tagħha bdiet iktar tard dik is-sena. ([50]) Matul l-2008, Becromal daħlet fi ftehimiet ma' kuntratturi għat-tagħmir neċessarju. ([51])

(144) Dawn iċ-ċirkostanzi jappoġġaw il-fehma tal-Awtorità li għajnuna reġjonali ma kinitx l-uniku fattur motivazzjonali għall-investiment ta' Becromal fil-belt ta' Akureyri. Għall-kuntrarju, ix-xogħol fuq il-proġett kien mibdi minn Becromal mingħajr ma ġiet sottomessa ebda talba għall-għajnuna lill-awtoritajiet Iżlandiżi, u mingħajr ma ttieħed ebda impenn mill-awtoritajiet Iżlandiżi biex jagħtu għajnuna reġjonali.

(145) Barra minn hekk, skont l-Iskema stess: "applikazzjoniet għall-għajnuna [biss] li jkunu waslu, flimkien mad-dokumenti neċessarji kollha biex tiġi vvalutata l-applikazzjoni, qabel jibda x-xogħol fuq il-proġett ta' investiment, se jiġu kkunsidrati sabiex jirċievu għajnuna reġjonali skont l-iskema". ([52]) Minħabba li x-xogħol kien diġà beda fuq il-proġett ta' investiment Becromal qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-għajnuna, l-Awtorità tikkonkludi li l-proġett ma ssodisfax it-test tal-inċentiv u għalhekk ma kienx eliġibbli biex jirċievi għajnuna reġjonali skont l-Iskema kif approvata.

(146) L-Awtorità ma rċeviet ebda informazzjoni li tippermettilha tivverifika jekk l-awtoritajiet Iżlandiżi impenjawx ruħhom li jagħtu għajnuna għall-proġett qabel jibda x-xogħol. Becromal qalet li kienet irċeviet talba formali mill-awtoritajiet Iżlandiżi, li tistedinha biex tikkonkludi ftehim ta' investiment qabel ma jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq is-sit. Madankollu, la Becromal u lanqas l-awtoritajiet Iżlandiżi ma ssottomettew ebda evidenza tat-tali talba lill-Awtorità.

(147) Kif innotat fil-premessa 141, l-awtoritajiet Iżlandiżi daħlu għall-ewwel darba fi ftehim ta' investiment ma' Becromal fis-7 ta' Lulju 2009. Dan il-ftehim, ipprovda lil Becromal b'assigurazzjonijiet li l-awtoritajiet Iżlandiżi kienu impenjati li jidħlu fi ftehim ta' investiment komplut mal-kumpanija. Għalkemm Becromal issottomettiet lill-Awtorità ittra ddatata 20 ta' Settembru 2013, mill-eks Ministru tal-Industrija, li fiha dan tal-aħħar jgħid li l-Gvern qabel li jikkonkludi ftehim ta' investiment mal-kumpanija fl-2007 u li x-xogħol fuq il-ftehim kien beda fl-2008, din id-dikjarazzjoni mhix appoġġata minn ebda dokument kontemporanju, li jista' juri li ngħataw inċentivi speċifiċi lil Becromal qabel ma beda x-xogħol fuq il-proġett. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ma tatx l-approvazzjoni tagħha tal-miżura qabel ma beda x-xogħol fuq il-proġett.

(148) Għalhekk, f'dan il-każ, la l-awtoritajiet Iżlandiżi u lanqas Becromal ma wrew li jeżistu ċirkostanzi li (minkejja li beda x-xogħol qabel ingħatat l-għajnuna) jistgħu jiżguraw li t-test għall-effett ta' inċentiv xorta ġie ssodisfat. ([53])

([48]) Kawża T-551/10 *Fri-El Acerra vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2013:430, paragrafu 67.
([49]) Ara, pereżempju: http://www.loftorka.is/frettirloftorku/nr/74674/ u http://vikudagur.is/vikudagur/nordlenskar-frettir/2008/01/11/nytt-hus-fyrir-aflthynnuverksmidju-krossanesi.
([50]) Ara http://www.capacent.is/frettir/nr/612.
([51]) Ara pereżempju http://www.rafeyri.is/en/news/167-substation-for-becromal.
([52]) Deċiżjoni Nru 390/10/COL, Taqsima I.2.13.
([53]) Kawża T-394/08 *Regione autonoma della Sardegna u oħrajn vs il-Kummissjoni* [2011] Ġabra II-6255, paragrafu 226.

(149) L-Awtorità għaldaqstant tikkonkludi li l-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv mhix issodisfata fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Becromal.

### 4.3. *Konklużjoni*

(150) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li kwalunkwe għajnuna mogħtija skont il-Ftehim ta' Investiment Becromal hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(c).

## 5. L-ERBA' FTEHIMIET TA' INVESTIMENT OĦRA — MIŻURI AD HOC

### 5.1. *Il-Ftehim ta' Investiment Verne*

#### 5.1.1. **Effett tal-emendi tar-Regolament Supplimentari**

(151) L-awtoritajiet Iżlandiżi qalu li l-emendi fl-Iskema mressqa mir-Regolament Supplimentari ma għandhom ebda impatt fuq il-Ftehim ta' Investiment Verne. Dawn jagħmlu dan l-argument abbażi li l-Ftehim ta' Investiment Verne jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvata. Filwaqt li l-Awtorità taċċetta l-ewwel argument tal-awtoritajiet Iżlandiżi f'dan ir-rigward, ma tistax taċċetta li l-Ftehim ta' Investiment Verne jissodisfa t-test tal-inċentiv stabbilit mill-Iskema approvata.

(152) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-Awtorità ħadet nota tal-fatt li għalkemm il-Ftehim ta' Investiment Verne ma jirreferix għal ftehim preċedenti, xorta jidher li jikkonċerna l-istess proġett ta' investiment jew proġett ta' investiment simili bħal dak li kien is-soġġett ta' deċiżjoni preċedenti adottata mill-Awtorità: id-Deċiżjoni Nru 418/10/COL. ([54])

(153) Il-proġett ta' investiment inizjali beda fis-26 ta' Frar 2008 bl-iffirmar ta' ftehim ta' xiri ta' proprjetà, li permezz tiegħu Verne xtrat ħames binjiet mill-Istat Iżlandiż għall-finijiet li tistabbilixxi ċ-ċentru ta' dejta tagħha. Ftehim ta' investiment kien mibdi fit-23 ta' Ottubru 2009. ([55]) Iktar tard il-proġett twaqqaf u reġa' ġie introdott bl-iffirmar tal-Ftehim ta' Investiment Verne fis-27 ta' Settembru 2011, sabiex, skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, jiġi kopert mill-Iskema kif approvata.

(154) Il-proġett, kif ippjanat oriġinarjament, ikkonċerna l-kostruzzjoni ta' ċentru ta' dejta fuq il-livell tal-operatur b'densità qawwija ħafna fil-muniċipalità ta' Reykjanesbær. Skont il-Ftehim ta' Investiment Verne, il-lokalità tal-proġett ma nbidlitx. L-istess binjiet għandhom jintużaw għall-ikkompletar tal-proġett, kif indikat b'mod ċar fil-preambolu kemm tal-Ftehim ta' Investiment tal-2009 kif ukoll il-Ftehim ta' Investiment Verne. ([56]) Barra minn hekk, il-partijiet ewlenin tal-ftehim (jiġifieri Verne Real Estate II ehf. ("VRE II") u Verne Holdings Ltd) huma l-istess. Barra minn hekk, iż-żewġ ftehimiet ta' investiment għandhom għan komuni identifikat ċar: li jipprovdu servizzi ta' ċentru ta' dejta kritiċi għall-missjoni lis-suq globali tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

(155) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità ma tistax taċċetta l-argument tal-awtoritajiet Iżlandiżi li hemm differenzi materjali bejn iż-żewġ proġetti. L-awtoritajiet Iżlandiżi ma pprovdewx lill-Awtorità b'informazzjoni konvinċenti f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-Awtorità ma tistax taċċetta l-argument tal-awtoritajiet Iżlandiżi li, peress li l-Ftehim ta' Investiment Verne huwa relatat biss ma' bini ġdid ta' spazju u infrastruttura tad-dejta, għandha tikkonċerna proġett ġdid.

([54]) Bid-Deċiżjoni Nru 418/10/COL tat-3 ta' Novembru 2010, l-Awtorità fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali dwar ftehim ta' investiment, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Ottubru 2009 bejn l-Istat u Verne Real Estate ehf. u Verne Holdings Ltd. dwar proġett ta' ċentru ta' dejta f'Reykjanesbær. In-notifika aktar tard ġiet irtirata. Disponibbli fuq http://www.eftasurv.int/media/decisions/418-10-COL.pdf. Ara wkoll il-paragrafi 131-139 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

([55]) Dan il-ftehim ta' investiment ma kienx formalment konkluż u d-dħul fis-seħħ tiegħu kien soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Parlament, l-approvazzjoni tal-bordijiet tad-Diretturi ta' Verne u d-deċiżjoni pożittiva tal-Awtorità.

([56]) Il-preambolu taż-żewġ ftehimiet jgħid li:"BILLI l-Investituri u Verne ilhom jieħdu l-passi preliminari neċessarji għall-istabbiliment ta' kumpless ta' ċentru tad-dejta fl-Iżlanda magħmul minn erba' binjiet individwali li jakkomodaw tagħmir tal-elettriku, mekkaniku u tal-IT, u binjiet addizzjonali amministrattivi u għall-appoġġ tal-elettriku li sejrin iservu l-iktar klijenti li mhumiex internazzjonali (minn hawn 'il quddiem iċ-'Ċentru tad-Dejta') […]".

(156) Skont l-RAG 2007: "[…] Sabiex jiġi evitat li proġett ta' investiment kbir ikun diviż artifiċjalment f'subproġetti sabiex wieħed jaħrab id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida, proġett ta' investiment kbir se jkun ikkunsidrat bħala proġett ta' investiment uniku meta l-investiment inizjali jsir f'perjodu ta' tliet snin minn kumpanija waħda jew iktar u jikkonsisti f'assi fissi kkombinati f'mod ekonomikament indiviżibbli". ([57])

(157) Barra minn hekk, "[…] sabiex jiġi vvalutat jekk investiment inizjali hux ekonomikament indiviżibbli, l-Awtorità se tikkunsidra r-rabtiet tekniċi, funzjonali u strateġiċi u l-prossimità ġeografika immedjata. L-indiviżibbiltà ekonomika se tiġi vvalutata indipendentement mis-sjieda." ([58]) Kif ġie nnotat qabel, il-post u n-natura tal-proġett ma nbidlux, filwaqt li l-partijiet ewlenin huma l-istess kemm fil-ftehim tal-2009 kif ukoll fil-ftehim tal-2011. L-awtoritajiet Iżlandiżi enfasizzaw il-fatt li l-livell potenzjali ta' investiment issa huwa iktar baxx — peress li t-tliet fażijiet oriġinarjament ippjanati għall-kostruzzjoni ta' ċentru ta' dejta fil-livell tal-operaturi ġie sostitwit mill-iżvilupp *ad hoc* ta' moduli iżgħar, u li Verne, bħala parti mill-istrateġija ta' investiment ġdida, attivament fittxet li terga' tbiegħ lura binjiet lill-awtoritajiet lokali, għall-finijiet li ttejjeb il-pożizzjoni finanzjarja tagħha. Madankollu, dan ma jirrifletti ebda differenza teknika, funzjonali jew strateġika bejn il-proġett ta' investiment oriġinali jew il-Proġett fil-Ftehim ta' Investiment Verne. Għall-kuntrarju, abbażi tal-informazzjni quddiemha, l-Awtorità tqis dan l-iżvilupp bħala politika jew deċiżjoni kummerċjali li tirriżulta mill-isforzi tal-kumpanija biex tirrispondi għall-klijenti tagħha. ([59])

(158) Fl-aħħar nett, skont l-RAG tal-2007: "[…] sabiex jiġi stabbilit jekk proġett ta' investiment kbir jikkostitwix proġett ta' investiment uniku, il-valutazzjoni għandha tkun l-istess irrispettivament minn jekk il-proġett sarx minn impriża waħda, minn iktar minn impriża waħda li qasmu l-kost tal-investiment jew minn iktar impriżi li ġarrbu l-kostijiet tal-investimenti separati fl-istess proġett ta' investiment (pereżempju fil-każ ta' impriża konġunta)". ([60]) Għaldaqstant, l-Awtorità tqis kwalunkwe divrenzjar fir-rigward tal-partijiet kontraenti bħala irrilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-indiviżibbiltà ta' proġett ta' investiment.

(159) L-awtoritajiet Iżlandiżi jirreferu wkoll għal injezzjoni ġdida tal-kapital f'VRE II fl-aħħar tal-2011, u argumentaw li din tikkostitwixxi bidla strutturali fil-proġett ta' investiment oriġinali. Skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, VRE II hija entità ġdida, imwaqqfa fl-2011 sabiex tibbenefika mill-Iskema, wara l-finalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' Verne fl-Iskema. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni possibbli min-naħa tal-Awtorità biex tibda investigazzjoni separata dwar l-injezzjoni msemmija, l-Awtorità tifhem li din l-injezzjoni tkopri l-kostijiet eliġibbli addizzjonali tal-proġett ikkonċernat. Madankollu, l-Awtorità tenfasizza li, b'konformità mal-RAG tal-2007, il-kostijiet eliġibbli totali għandhom jiġu determinati f'ċertu ammont qabel jibda l-proġett. Malli jibda l-proġett, mhux possibbli li dawn il-kostijiet eliġibbli jiżdiedu b'mod artifiċjali u l-ammont tal-għajnuna, minħabba li l-effett ta' inċentiv tat-tali għajnuna jiġi vvalutat fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna.

(160) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi jgħidu li l-Proġett ta' Investiment Verne jimponi ċerti obbligi li ma kinux parti mill-ftehim preċedenti. Għalhekk, l-Awtorità tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Investiment Verne dwar l-impożizzjoni ta' obbligi legali, bħal restrizzjonijiet fuq kontrolli kapitali, imposti industrijali, imposti għall-konnessjoni tat-triq, eċċ u/jew l-impożizzjonijiet ta' obbligi addizzjonali fir-rigward tat-trasferiment ta' ishma, jikkostitwixxu bidliet amministrattivi li ma jbiddlux in-natura tal-proġett oriġinali skont il-ftehim preċedenti.

(161) Barra minn hekk, il-kwistjoni dwar jekk il-benefiċċji tal-għajnuna mill-Istat humiex differenti jew le ma tagħmilx differenza għall-finijiet tal-valutazzjoni tan-natura tal-investiment tal-proġett. L-Awtorità tinnota li l-Ftehim ta' Investiment Verne jipprevedi termini differenti fir-rigward tat-taxxa tad-dħul pagabbli mill-kumpanija jew il-perjodu tal-ftehim. Madankollu, kif ikkonfermaw l-awtoritajiet Iżlandiżi, dan sar sabiex ikun konformi mat-termini tal-Iskema. Għalhekk, la jbiddel in-natura tal-investiment tal-proġett u lanqas ma jipprova li dan hu proġett ġdid mhux relatat.

(162) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkunsidra l-Ftehim ta' Investiment Verne bħala investiment addizzjonali għax-xogħol li kien diġà nbeda bix-xiri tal-binjiet fis-26 ta' Frar 2008.

([57]) Paragrafu 49.
([58]) Nota ta' qiegħ il-paġna 47.
([59]) Ara l-ittra mill-awtoritajiet Iżlandiżi, iddatata 8 ta' Lulju 2013, paġna 15.
([60]) Ibid.

(163) L-Awtorità ma rċeviet ebda informazzjoni addizzjonali, la mill-awtoritajiet Iżlandiżi u lanqas minn Verne, biex tissostanzja l-pretensjoni tagħhom li dan hu proġett ta' investiment ġdid. B'mod partikolari, il-Partijiet ma pprovdew ebda informazzjoni tali li tipperswadi lill-Awtorità li jista' jkun possibbli li jiġu divrenzjati l-attivitajiet ta' Verne abbażi tal-karatteristiċi tekniċi, funzjonali u strateġiċi.

(164) Kif kien innotat qabel, l-Iskema kif approvata, eskludiet kwalunkwe għoti ta' għajnuna għal proġetti meta x-xogħol inbeda qabel ma kumpanija daħlet fi ftehim mal-awtoritajiet Iżlandiżi skont l-Iskema. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi kkonfermaw li l-Iskema teskludi l-għoti ta' għajnuna għal proġetti li bdew qabel id-data tal-pubblikazzjoni tat-test finali tal-Iskema. Għalhekk, l-Awtorità hija tal-fehma li kwalunkwe għajnuna mogħtija lil Verne setgħet biss issodisfat it-test tal-inċentiv stabbilit fl-Iskema bis-saħħa tal-emendi introdotti mir-Regolament Supplimentari. ([61])

(165) Madankollu, fid-dawl tal-asserzjoni tal-awtoritajiet Iżlandiżi li l-proġett Verne mhux kopert mill-emendi tar-Regolament dwar l-Inċentivi li saru mir-Regolament Supplimentari, il-Ftehim ta' Investiment Verne għandu jiġi kkunsidrat bħala li ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema, kif approvata, minħabba li l-proġett kien beda ħafna qabel id-data tal-pubblikazzjoni tat-test finali tal-Iskema. Għaldaqstant, l-Awtorità se tivvaluta l-kompatibbiltà tal-Ftehim ta' Investiment Verne bħala miżura ta' għajnuna ġdida, *ad hoc*.

### 5.1.2. **Proġett ta' Investiment Kbir — il-bżonn ta' analiżi ddettaljata**

(166) Skont il-paragrafu 3 tal-Linji Gwida LIP u l-paragrafu 49 tal-RAG tal-2007, proġett ta' investiment kbir huwa investiment inizjali b'nefqa eliġibbli ta' iktar minn EUR 50 miljun. Kif innotat fil-Preambolu tal-Ftehim ta' Investiment Verne, Verne u l-Investituri tagħha stmaw li l-livell potenzjali tal-investiment għall-proġett jista' jaqbeż USD 675 miljun. Kif ġie diskuss hawn fuq fir-rigward tal-proġett Becromal, il-Linji Gwida LIP japplikaw biss għal ċerti proġetti kbar ta' investiment. L-awtoritajiet Iżlandiżi ma ssottomettew ebda informazzjoni lill-Awtorità dwar l-intensità tal-għajnuna jew il-kostijiet eliġibbli involuti fil-proġett Verne. Dawn lanqas ma pprovdew ebda informazzjoni rigward il-kundizzjonijiet għall-obbligu tal-verifika ddettaljat stabbilit fil-Linji Gwida LIP, li jirreferu għalihom il-paragrafi 57(a) u (b) tal-RAG tal-2007 (jiġifieri li l-benefiċjarju tal-għajnuna jammonta għal iktar minn 25 % tal-prodotti kkonċernati fis-suq ikkonċernat, u li l-kapaċità tal-produzzjoni maħluqa mill-proġett hija iktar minn 5 % tas-suq tal-prodott ikkonċernat). Fil-fehma tal-Awtorità ma hemm xejn li jindika li l-proġett Verne qabeż il-limiti previsti fil-paragrafu 57 tal-Linji Gwida tal-2007.

(167) Għalhekk l-Awtorità tikkonkludi li l-analiżi ddettaljata prevista fil-Linji Gwida LIP ma tapplikax għall-Ftehim ta' Investiment Verne.

### 5.1.3. **Effett ta' inċentiv**

(168) Kif diġà ntqal fil-premessa 153, ix-xogħol fuq il-proġett kien diġà beda fi Frar 2008 meta Verne xtrat binjiet mill-Istat Iżlandiż. Sussegwentement, Verne, fl-2008 u l-2009, irrinovat żewġ imħażen kbar (binjiet 868 u 869) bħala parti mill-kampus ippjanat inizjalment magħmul minn diversi binjiet. ([62]) Minħabba li l-akkwist u r-rinovazzjoni ta' dawn il-binjiet (marbuta direttament mal-istabbiliment taċ-ċentru tad-dejta Verne), jitqiesu bħala investiment inizjali, id-data li fiha nbeda l-proġett għandha tiġi kkunsidrata bħala d-data tax-xiri ta' dawn il-binjiet. ([63]) L-Awtorità ma rċeviet ebda informazzjoni li tippermettilha li tappoġġa l-possibbiltà li l-awtoritajiet Iżlandiżi impenjaw ruħhom biex jagħtu għajnuna għall-proġett qabel ma jibda x-xogħol. Tabilħaqq, għall-kuntrarju, l-awtoritajiet Iżlandiżi issa kkonfermaw li huma ma daħlu fl-ebda ftehim ma' Verne dwar l-għoti ta' inċentivi qabel il-Ftehim ta' Investiment Verne, iddatat 27 ta' Settembru 2011. Skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, il-Ftehim ta'

([61]) Ara wkoll il-paragrafi 131-134 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.
([62]) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Iżlandiżi, it-twaqqigħ, l-inġinerija, id-disinn, l-immaniġġjar tal-proġett u xogħol ieħor tal-preparazzjoni tas-sit li sar matul il-perjodu sa Ottubru 2008, laħħaq total ta' USD 8,1 miljun u ammonta għal USD 10 miljun oħra fil-perjodu minn Novembru 2008 sa Diċembru 2009, inklużi l-kostruzzjoni fiżika u x-xiri ta' tagħmir tal-elettriku u mekkaniku.
([63]) Ara f'dan ir-rigward id-Deċiżjoni 2011/110/UE, premessa 79.

Investiment tal-2009 kien inbeda iżda ma kienx iffirmat, u għalhekk ma pproduċa ebda effett ġuridiku. Ir-raġuni għalfejn Verne ma tirreferi għall-ebda ftehim preċedenti, skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, hija minħabba li ma kien hemm ebda ftehim ta' investiment preċedenti ffirmat ma' Verne.

(169) Fil-premessi 131 sa 134 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-Awtorità tesprimi dubji dwar jekk il-Ftehim ta' Investiment Verne jissodisfax jew le l-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv tal-RAG tal-2007. L-awtoritajiet Iżlandiżi, fit-tweġiba tagħhom għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, argumentaw li mingħajr il-Ftehim ta' Investiment, il-proġett kien jiġi abbandunat minħabba l-kriżi finanzjarja. ([64]) Barra minn hekk, huma jikkunsidraw li l-Awtorità għandha ssegwi l-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea f'ħafna mid-deċiżjonijiet tagħha biex ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra għajnuna mogħtija lill-istituzzjonijiet finanzjarji, meta effett ta' inċentiv ma kienx meħtieġ bħala prekundizzjoni għall-kompatibbiltà.

(170) L-awtorità ma tistax taċċetta dan ir-raġunament. Il-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja kienet relatata biss mal-għajnuna mogħtija lis-settur finanzjarju, prinċipalment permezz tal-użu tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE (ekwivalenti għall-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE) bħala bażi ġuridika biss. F'dawn il-każijiet, l-għajnuna ngħatat bħala rimedju għal disturbanza serja li taffettwa l-ekonomija sħiħa ta' Stat Membru. Il-Qorti Ġenerali ripetutament qalet li din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata b'mod ristrett. ([65]) L-Awtorità tikkunsidra li ma jistgħux isiru punti paralleli mal-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-kumpaniji bħala għajnuna reġjonali skont l-RAG 2007, meta l-objettiv jinsab fl-iżvilupp ta' żona speċifika definita ġeografikament u l-effett ta' inċentiv jikkostitwixxi prinċipju ta' kompatibbiltà ewlieni. Għaldaqstant, l-Awtorità f'dan il-każ ma tistax issegwi l-approċċ tal-Kummissjoni rigward l-għajnuna mill-Istat mogħtija lil istituzzjoni finanzjarja fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja.

(171) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi ma pprovdew ebda informazzjoni li tiġġustifika l-ħtieġa tal-għajnuna għat-tlestija tal-proġett. Jekk, kif qegħdin jargumentaw l-awtoritajiet Iżlandiżi, il-proġett ma kienx jitlesta mingħajr l-għajnuna, huma kellhom jipprovdu informazzjoni u analiżi li tippermetti lill-Awtorità tivverifika din il-pretensjoni. Din l-analiżi, kienet tikkunsidra, *inter alia*, il-kalkoli tal-profittabbiltà għall-proġett bl-għajnuna jew mingħajrha, analiżi tas-sensittività, u rendikont iddettaljat dwar kif il-kriżi finanzjarja influwenzat id-deċiżjoni tal-investiment.

(172) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi ma wrewx li jeżistu ċirkostanzi li (minkejja li x-xogħol fuq il-proġett beda qabel ma ngħatat l-għajnuna) jistgħu jiżguraw li t-test għall-effett ta' inċentiv xorta huwa ssodisfat. ([66])

(173) Fid-dawl ta' dak diskuss hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv mhix issodisfata fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Verne.

(174) Din is-sejba waħedha hija biżżejjed biex jiġi stabbilit li l-Ftehim ta' Investiment Verne huwa inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(c) u l-RAG tal-2007.

(175) Madankollu, għal raġunijiet ta' kompletezza, l-Awtorità se teżamina wkoll id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-ftehim u se tivvaluta jekk jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007.

### 5.1.4. **Il-kostijiet tal-investiment u l-livell massimu tal-għajnuna**

(176) Għall-miżuri ta' tassazzjoni mogħtija skont il-Ftehim ta' Investiment Verne sabiex jiġu kkaratterizzati bħala għajnuna għall-investiment:

— Għandhom ikunu relatati mat-twettiq ta' proġett speċifiku.

— Għandhom ikunu bbażati fuq ammont investit fir-reġjun.

([64]) B'mod speċifiku, l-awtoritajiet Iżlandiżi jgħidu li: (i) in-nefqa kapitali ta' Verne niżlet minn USD 8,5 miljun fl-2009 għal USD 1,54 miljun fl-2010; (ii) ingħataw sensji sabiex il-kumpanija ma tfallix; (iii) il-fażijiet tal-investiment proposti skont il-proġett oriġinali kienu skadew minn Diċembru 2009 u jeħtieġu rinovazzjoni sinifikanti; (iv) l-uniku investitur estern ġdid disponibbli għal Verne mill-2009 kien The Wellcome Trust, li ma riditx tinvesti kapital ġdid fi proġett ta' ċentru ta' dejta fin-nuqqas ta' impenn ċar tal-Istat Iżlandiż biex jipprovdi l-għajnuna; kif ukoll (v) investimenti esoġeni ma kinux affidabbli.

([65]) Kawża T-132/96 *Sachsen-VW* vs *il-Kummissjoni* [1999] Ġabra II-3663, paragrafu 167.

([66]) Kawża T-394/08 *Regione autonoma della Sardegna u Oħrajn vs il-Kummissjoni* [2011] Ġabra II-6255, paragrafu 226.

— Għandu jkun possibbli li tiġi kkwantifikata l-għajnuna.

— Għandu jkun hemm limitu massimu espress bħala perċentwal tal-ammont investit fir-reġjun. ([67])

(177) Il-kostijiet tal-investiment totali fil-Ftehim ta' Investiment Verne huma stabbiliti madwar USD 675 miljun. Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-Awtorità waslet għall-konklużjoni preliminari li ma kienx hemm rabta ċara fil-ftehim bejn il-kostijiet tal-investiment u l-għajnuna. F'dan il-kuntest, il-kostijiet eliġibbli ma kinux speċifikament definiti, l-għajnuna ma kinitx ikkwantifikata, u ma ġie espress ebda limitu massimu ta' għajnuna. L-awtoritajiet Iżlandiżi ma pprovdew ebda informazzjoni li tikkontradixxi dawk il-konklużjonijiet preliminari. In-nuqqas ta' dawn l-elementi mill-Ftehim ta' Investiment Verne huwa kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tal-RAG tal-2007.

(178) Kif diġà ntqal fil-premessa 44 hawn fuq, l-awtoritajiet Iżlandiżi ddikjaraw li l-Aġenzija Invest in Iceland għamlet analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji għal kull proġett qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim, u l-Kumitat tal-Inċentivi evalwa jekk il-proġetti ssodisfawx il-kriterji dwar l-eliġibbiltà stabbiliti fl-Att 99/2010 u r-Regolament dwar l-Inċentivi.

(179) Skont l-RAG tal-2007, "[…] għajnuna għal investiment regjonali tiġi kkalkolata jew b'referenza għall-kostijiet materjali u immaterjali tal-investiment li jirriżultaw mill-proġett ta' investiment inizjali jew bi (stima) tal-ispejjeż tal-pagi għal impjiegi maħluqa direttament mill-proġett tal-investiment […]. Il-livell tal-għajnuna huwa definit f'termini ta' intensità mqabbla mal-kostijiet ta' referenza." ([68])

(180) Sabiex l-Awtorità tivvaluta l-kompatibbiltà tal-miżura tal-għajnuna skont l-RAG tal-2007, il-limitu massimu tal-għajnuna għandu jiġi espress b'mod ċar b'referenza għall-kostijiet tal-investiment speċifiċi u eliġibbli. Il-fatt li l-awtoritajiet Iżlandiżi stabbilew mekkaniżmu sabiex tiġi ċċekkjata *ex-post* l-eliġibbiltà ta' proġetti mal-Iskema huwa irrilevanti għall-valutazzjoni tal-Awtorità tal-kompatibbiltà, minħabba li tali mekkaniżmu ma jiggarantix li l-intensità tal-għajnuna f'ekwivalenti ta' għotja grossa hija skontata għall-valur tagħha u espressa bħala perċentwal tal-valur skontat tal-kostijiet eliġibbli, u lanqas ma tiggarantixxi li n-nefqa eliġibbli prevista fil-Ftehim ta' Investiment Verne. Il-Ftehim huwa relatat mal-kostijiet tal-investiment eliġibbli għall-assi tanġibbli kif previst fl-RAG tal-2007. ([69])

(181) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment Verne ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007 minħabba li (i) il-ftehim ma jurix il-kostijiet eliġibbli, li l-investiment kellu jirrifletti fuqhom; (ii) l-għajnuna mhix ikkwantifikata b'mod xieraq, u (iii) m'hemmx metodoloġija ta' kalkolu fir-rigward tal-intensità tal-għajnuna għall-proġett.

### 5.1.5. **Għajnuna addizzjonali fil-każ ta' emendi tal-Iskema**

(182) L-Artikolu 23.7 tal-Ftehim ta' Investiment Verne jistabbilixxi obbligu mhux kundizzjonali għall-awtoritajiet Iżlandiżi biex jagħtu għajnuna addizzjonali lill-benefiċjarju għal proġett li diġà ngħata għajnuna mill-Iskema, jekk emendi futuri tal-Iskema jippruvaw li huma iktar ta' benefiċċju.

(183) Tali dispożizzjoni tiggarantixxi lill-benefiċjarju d-dritt li jirċievi għajnuna lil hinn mill-għotja inizjali ta' għajnuna li saret taħt l-Iskema kif approvata mill-Awtorità. Konsegwentement, tali għajnuna ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema.

(184) L-Awtorità tikkonkludi li kwalunkwe għajnuna mogħtija skont id-dispożizzjoni ta' hawn fuq għandha tiġi kklassifikata bħala għajnuna operatorja, minħabba li mhix marbuta ma' investiment inizjali. Tali għajnuna operatorja hija inkompatibbli mal-Ftehim ŻEE. B'mod partikolari, l-għajnuna ma tingħatax fir-rigward ta' sett predefinit ta' nefqiet jew kostijiet eliġibbli, kif stipulat fil-paragrafu 66 tal-RAG tal-2007.

### 5.1.6. **Konklużjoni fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Verne**

(185) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li kwalunkwe għajnuna mogħtija skont il-Ftehim ta' Investiment Verne hija għajnuna mill-Istat ġdida *ad hoc* li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(c).

([67]) Ara d-Deċiżjoni Nru 390/10/COL, Taqsima II.3.3.
([68]) Paragrafi 28 u 33.
([69]) Paragrafi 33 u 39.

### 5.2. *Il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið*

#### 5.2.1. **Effett tal-emendi tar-Regolament Supplimentari**

(186) Il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið jirreferi għall-kostruzzjoni, f'żewġ stadji jew iktar, ta' impjant għall-produzzjoni tas-siliċju f'Helguvík, fil-muniċipalità ta' Reykjanesbær.

(187) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, l-Awtorità kellha l-fehma preliminari li l-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið jirreferi għal ftehim preċedenti, li sar bejn l-istess partijiet għall-istess proġett fid-29 ta' Mejju 2009. ([70]) Kif jindika b'mod ċar il-Preambolu tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið:"[…] il-Ftehim ta' Investiment iffirmat fid-29 ta' Mejju 2009 tqies bħala pass preliminari lejn il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Investiment iktar komprensiv bejn il-partijiet" u li "dan il-Ftehim ta' Investiment għalhekk huwa ftehim ta' segwitu tal-Ftehim ta' Investiment preċedenti ddatat fid-29 ta' Mejju 2009". ([71])

(188) Barra minn hekk, l-Artikolu 2.2 tal-Ftehim tad-29 ta' Mejju 2009 jgħid li: "il-Ftehim Komplut se jinkludi iżda mhux se jkun limitat għal dispożizzjonijiet relatati mad-deprezzament u t-tħassir ta' assi fissi u standards tal-kontabbiltà oħra, eżenzjonijiet mill-imposti tal-Gvern, rati tat-taxxa u tassazzjoni ġenerali tal-Kumpanija, Tomahawk and the Investors, imposti fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni, dazji tas-sisa, eċċ". Barra minn hekk, il-punt 1.1 (f.1) tiegħu jgħid li "it-terminu ta' dan il-Ftehim ta' Investiment u l-Ftehim ta' Investiment Komplut sussegwenti ma jkunx inqas minn 20 sena mill-eżekuzzjoni […]. Dan il-Ftehim ta' Investiment jiġi sostitwit mill-Ftehim ta' Investiment Komplut u għalhekk jiġi tterminat meta l-Ftehim ta' Investiment Komplut isir legalment vinkolanti […]".

(189) L-awtoritajiet Iżlandiżi qalu li l-emendi fl-Iskema affettwati mir-Regolament Supplimentari kienu mmirati lejn il-Ftehim ta' Investiment Becromal, u li ebda proġett ieħor li nbeda qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema ma ngħata inċentivi skont l-Iskema.

(190) Għalkemm Kísilfélagið daħlet fi Ftehim mal-awtoritajiet Iżlandiżi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Iskema, ix-xogħol fuq il-proġett stabbilit fil-ftehim tal-2009 kien għadu ma nbediex meta ġie ffirmat il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið skont l-Iskema. Għalhekk, il-proġett, ladarba ssodisfa t-test tal-effett ta' inċentiv, ikkwalifika għal inċentivi skont l-Iskema, irrispettivament mill-emendi introdotti mir-Regolament Supplimentari. Barra minn hekk, Kísilfélagið ma bbenefikatx mill-emendi li saru mir-Regolament Supplimentari għall-Artikoli 8 u 20 tar-Regolament dwar l-Inċentiv.

(191) Għaldaqstant, l-Awtorità tikkonkludi li l-emendi introdotti mir-Regolament Supplimentari ma kellhomx effett fuq il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið.

#### 5.2.2. **Effett ta' inċentiv**

(192) L-Awtorità tinnota li, kif ikkonfermat mill-awtoritajiet Iżlandiżi, ix-xogħol fuq il-proġett għadu ma bediex. Barra minn hekk, mhux ċar jekk qattx xi darba se jinbeda. L-Awtorità mhix konxja li bdiet xi kostruzzjoni fuq il-proġett Kísilfélagið jew li saru xi impenji sodi fuq ordnijiet ta' tagħmir. Għalhekk, ma ngħatat ebda għajnuna qabel ma l-benefiċjarju beda xogħol fuq il-proġett.

(193) Għalhekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv tal-Iskema hija ssodisfata fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment.

#### 5.2.3. **Il-kostijiet tal-investiment u l-livell massimu tal-għajnuna**

(194) Għalkemm, il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið jissodisfa l-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv tal-Iskema, l-awtoritajiet Iżlandiżi jaqblu mal-konklużjoni preliminari tal-Awtorità, li l-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið ppreveda inċentivi ulterjuri li marru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvata. ([72])

([70]) Ara l-paragrafi 118-130.
([71]) Taqsimiet N u O tal-Preambolu.
([72]) Kif innotat hawn fuq fil-premessi 33 sa 34.

(195) Skont il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið, il-kostruzzjoni ta' impjant għall-produzzjoni ta' siliċju metallurġiku hija prevista li sseħħ f'żewġ stadji jew iktar matul perjodu ta' tliet snin. Il-ftehim ma jipprevedix data tal-bidu jew ta' skadenza għall-kostruzzjoni tal-impjant, u lanqas ma jipprevedi għall-ebda stadju meħtieġ sabiex isseħħ it-tali kostruzzjoni. Barra minn hekk, il-ftehim ma jagħmilx referenza għall-kostijiet ta' investiment eliġibbli, u lanqas ma jistipula l-intensitajiet tal-għajnuna jew limitu massimu tal-għajnuna. Jekk wieħed japplika *mutatis mutandis* ir-raġunament stabbilit fil-premessi 176 sa 181 hawn fuq, fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Verne, l-Awtorità kkunsidrat li dawn l-elementi jaffettwaw il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið fit-totalità kollha tiegħu, u bħala riżultat għandhom jiġu vvalutati bħala parti li ma tistax tinqata' mill-ftehim.

(196) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið ma jikkonformax għal kollox mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007 minħabba li (i) l-ftehim ma jurix il-kostijiet eliġibbli, li l-investiment kellu jirrifletti fuqhom; (ii) l-għajnuna mhix ikkwantifikata kif xieraq; u (iii) ma hemm ebda metodoloġija ta' kalkolu fir-rigward tal-intensità tal-għajnuna għall-proġett.

(197) Għaldaqstant, il-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið għandu jiġi kkunsidrat bħala għajnuna ġdida *ad hoc*, li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvata.

### 5.2.4. **Għajnuna addizzjonali fil-każ tal-emendi tal-Iskema**

(198) L-Artikolu 22.8 tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið jistabbilixxi obbligu mhux kundizzjonali għall-awtoritajiet Iżlandiżi biex jagħtu għajnuna addizzjonali lill-benefiċjarju għal proġett li diġà ngħata għajnuna skont l-Iskema, jekk emendi futuri tal-Iskema jippruvaw li huma iktar ta' benefiċċju.

(199) Tali dispożizzjoni tiggarantixxi d-dritt li wieħed jingħata għajnuna lil hinn mill-għotja inizjali magħmula skont l-Iskema. Konsegwentement, tali għajnuna ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvata mill-Awtorità. L-awtoritajiet Iżlandiżi kkonfermaw li huma jirrispettaw il-fehma tal-Awtorità li din l-applikazzjoni tal-Iskema mhix konsistenti mal-Iskema kif approvata. Għalhekk impenjaw ruħhom li jħassru dawn id-dispożizzjonijiet mill-Ftehim. Madankollu, l-awtoritajiet Iżlandiżi ma nnotifikawx din il-miżura *ad hoc* lill-Awtorità, kif kellhom suppost jagħmlu skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3.

(200) L-Awtorità tikkunsidra li kwalunkwe għajnuna mogħtija skont id-dispożizzjoni ta' hawn fuq, għandha tiġi kklassifikata bħala għajnuna operatorja, minħabba li mhix marbuta ma' investiment inizjali. Tali għajnuna operatorja hija *prima facie* inkompatibbli mal-Ftehim ŻEE, u l-Awtorità ma rċeviet ebda informazzjoni jew argumenti dwar għalfejn xorta waħda tista' tkun kompatibbli. B'mod partikolari, il-miżuri ma jingħatawx fir-rigward ta' sett predefinit ta' nefqiet jew kostijiet eliġibbli, jew kostijiet kif stipulat fil-paragrafu 66 tal-RAG tal-2007.

### 5.2.5. **Konklużjoni fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið**

(201) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið jikkonforma mal-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv stabbilita fl-RAG tal-2007 u għaldaqstant, Kísilfélagið kienet eliġibbli biex tirċievi għajnuna skont l-Iskema.

(202) Madankollu, l-Awtorità tikkonkludi wkoll li l-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007, minħabba li la hemm referenzi għall-kostijiet tal-investiment eliġibbli, la għall-intensitajiet tal-għajnuna u lanqas għal-limitu massimu tal-għajnuna. Għaldaqstant, l-awtorità tikkunsidra kwalunkwe għajnuna mogħtija skont il-Ftehim tal-Investiment Kísilfélagið bħala li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE.

## 5.3. ***Il-Ftehim ta' Investiment Thorsil***

### 5.3.1. **Miżura ta' għajnuna Ad hoc**

(203) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Awtorità, il-Ftehim ta' Investiment Thorsil mhux relatat ma' xi ftehim ta' investiment preċedenti.

(204) Madankollu, l-Awtorità fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ esprimiet dubji dwar jekk l-Artikolu 15.3 tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil ipprevediex għajnuna li għandha tingħata barra mill-Iskema approvata. ([73])

(205) Kif innotat fil-paragrafi 33 sa 34, l-awtoritajiet Iżlandiżi jaqblu mal-konklużjoni preliminari tal-Awtorità li l-ftehim jipprevedi inċentivi ulterjuri li kienu awtorizzati mill-Iskema.

(206) Fi kwalunkwe każ, minħabba li l-ftehim diġà daħal fis-seħħ, l-Awtorità ma tistax teskludi l-possibbiltà li l-għajnuna ngħatat barra mill-Iskema approvata. Għaldaqstant l-Awtorità se tivvaluta l-inċentivi addizzjonali previsti fl-Artikolu 15.3 tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil bħala li tikkostitwixxi għajnuna *ad hoc*.

### 5.3.2. **Effett ta' inċentiv**

(207) Il-Ftehim ta' Investiment Thorsil ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2010. Dan jikkonċerna impjant għall-produzzjoni tas-siliċju metallurġiku li għandu jinbena fil-Muniċipalità ta' Ölfus, b'kapaċità ta' produzzjoni annwali ta' madwar 50 000 tunnellata metrika.

(208) Skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, il-bidu tal-impjant kien skedat li jkun f'Ottubru 2014. Madankollu, il-kostruzzjoni fuq l-impjant għadha ma bdietx u mhux ċar jekk il-proġett hux se jimmaterjalizza. Għalhekk, huwa ċar li ma ngħatat ebda għajnuna qabel ma l-benefiċjarju jibda x-xogħol fuq il-proġett. Għaldaqstant, l-Awtorità kkonkludiet li l-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv hija ssodisfata fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil.

### 5.3.3. **Il-kostijiet tal-investiment u l-limitu massimu tal-għajnuna**

(209) Skont il-Ftehim ta' Investiment Thorsil, il-kostruzzjoni ta' impjant għall-produzzjoni tal-metall tas-silicon huwa previst li jseħħ fil-Muniċipalità ta' Ölfus bid-data tal-bidu tal-produzzjoni skedata għall-1 ta' Ottubru 2014. Madankollu, il-Ftehim ma jipprevedix id-data tal-bidu jew tal-iskadenza għall-kostruzzjoni tal-impjant, u lanqas ma jipprevedi ebda stadju meħtieġ għal din il-kostruzzjoni sabiex isseħħ. Barra minn hekk, il-Ftehim ma jagħmilx referenza għall-kostijiet tal-investiment eliġibbli jew totali u lanqas ma jistipula l-intensitajiet tal-għajnuna jew il-limitu massimu tal-għajnuna.

(210) L-applikazzjoni *mutatis mutandis* tar-raġunament stabbilit fil-paragrafi 176 sa 181 hawn fuq, fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Verne, l-Awtorità tikkunsidra li dawn l-elementi jaffettwaw il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil fit-totalità tiegħu, u bħala riżultat għandhom jiġu vvalutati bħala parti li ma tistax tinqata' minn mal-Ftehim.

(211) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment Thorsil ma jikkonformax b'mod sħiħ mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007 minħabba li (i) l-ftehim ma jurix il-kostijiet eliġibbli, li l-investiment kellu jirrifletti fuqhom; (ii) l-għajnuna mhix ikkwantifikata kif xieraq; kif ukoll (iii) ma hemmx metodoloġija tal-kalkolu fir-rigward tal-intensità tal-għajnuna għall-proġett.

(212) Għaldaqstant, il-Ftehim ta' Investiment Thorsil għandu jiġi kkunsidrat bħala għajnuna ġdida *ad hoc*, li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvata.

### 5.3.4. **Il-possibbiltà ta' perjodu ta' estensjoni tal-eżenzjonijiet mit-taxxa**

(213) L-Artikolu 15.3 tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil jipprevedi l-possibbiltà ta' estensjoni tal-perjodu ta' għajnuna lil hinn mill-perjodu massimu previst mill-Iskema, kif approvata. Din il-miżura inċentiv addizzjonali *ad hoc* ma ġietx innotifikata lill-Awtorità, kif suppost kellu jkun skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3.

([73]) Taqsima 4.3.5.

(214) Il-possibbiltà għall-perjodu ta' għajnuna estiż mhux marbut mal-investiment inizjali, iżda minflok inaqqas l-ispejjeż li Thorsil normalment kien ikollha ġġarrab matul it-twettiq tal-attivitajiet tan-negozju ta' kuljum. Konsegwentement, hija tikkostitwixxi għajnuna operatorja. Tali għajnuna operatorja hija *prima facie* inkompatibbli mal-Ftehimiet ŻEE, u l-Awtorità ma rċeviet ebda informazzjoni jew argumenti dwar għaliex xorta tista' tkun kompatibbli. B'mod partikolari, il-miżuri ma ngħatawx fir-rigward ta' sett predefinit ta' nefqiet jew kostijiet, kif inhu stipulat fil-paragrafu 66 tal-RAG tal-2007.

### 5.3.5. **Konklużjoni fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil**

(215) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment Thorsil jikkonforma mal-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv stabbilita fl-RAG tal-2007 u li Thorsil kienet għalhekk eliġibbli biex tirċievi għajnuna skont l-Iskema.

(216) Barra minn hekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment Thorsil ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007, minħabba li la hemm referenzi għall-kostijiet tal-investiment eliġibbli u totali, la l-intensitajiet tal-għajnuna u lanqas il-livell massimu tal-għajnuna. Għalhekk, l-Awtorità tqis li kwalunkwe għajnuna mogħtija skont il-Ftehim ta' Investiment Thorsil tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE.

## 5.4. ***Il-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan***

### 5.4.1. **Miżura Ad hoc**

(217) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Awtorità, il-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan mhux relatat ma' ebda ftehim ta' investiment preċedenti.

(218) Madankollu, l-Awtorità fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ qajmet dubji dwar jekk l-Artikolu 22.7 tal-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan pprevediex għajnuna mogħtija lil hinn mill-Iskema approvata. ([74])

(219) Kif innotat fil-premessi 33 u 34, l-awtoritajiet Iżlandiżi jaqblu mal-konklużjoni preliminari tal-Awtorità li l-ftehim jipprevedi inċentivi ulterjuri minn dawk awtorizzati mill-Iskema.

(220) Fi kwalunkwe każ, minħabba li l-ftehim kien diġà daħal fis-seħħ, l-Awtorità ma tistax teskludi l-possibbiltà li l-għajnuna ngħatat barra mill-Iskema approvata. L-Awtorità għalhekk se tivvaluta dawn l-inċentivi addizzjonali previsti fl-Artikolu 22.7 bħala li jikkostitwixxu għajnuna *ad hoc*.

### 5.4.2. **Effett ta' inċentiv**

(221) Fis-7 ta' Mejju 2012 l-awtoritajiet Iżlandiżi daħlu fi ftehim ma' GMR Endurvinnslan dwar l-għoti ta' eżenzjonijiet mit-taxxa għall-kostruzzjoni ta' impjant tar-riċiklaġġ fi Grundartangi fil-muniċipalità ta' Hvalfjarðarsveit. Il-ftehim jgħid li GMR kellha l-intenzjoni li tibda l-produzzjoni fl-aħħar tal-2012 u li jkollha l-impjant jaħdem b'mod sħiħ fl-2014.

(222) Kif kien ikkonfermat mill-awtoritajiet Iżlandiżi, ma ngħatat ebda għajnuna qabel ma l-benefiċjarju beda x-xogħol fuq il-proġett.

(223) Għaldaqstant, l-Awtorità tikkonkludi li l-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv hija ssodisfata rigward il-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan.

(224) L-Awtorità xorta għandha tivverifika jekk ċerti elementi tal-ftehim jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-RAG tal-2007.

([74]) Ara t-Taqsima 4.3.6 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

#### 5.4.3. **Il-kostijiet tal-investiment u l-limitu massimu tal-għajnuna**

(225) Il-ftehim ma jagħmilx referenza għall-kostijiet tal-investiment eliġibbli, u lanqas ma jistipula l-intensitajiet tal-għajnuna jew il-limitu massimu tal-għajnuna.

(226) Fl-applikazzjoni *mutatis mutandis* tar-raġunament stabbilit fil-premessi 176 sa 181 hawn fuq, fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment Verne, l-Awtorità kkunsidrat li dawn l-elementi jaffettwaw il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan fit-totalità kollha tiegħu, u bħala riżultat għandhom jiġu vvalutati bħala prti li ma tistax tinqata' mill-ftehim.

(227) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan ma jikkonformax għal kollox mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007 minħabba li (i) il-ftehim ma jurix il-kostijiet eliġibbli, li l-investiment kellu jirrifletti fuqhom; (ii) l-għajnuna mhix ikkwantifikata kif xieraq; u (iii) ma hemm ebda metodoloġija ta' kalkolu rigward l-intensità tal-għajnuna għall-proġett.

(228) Għaldaqstant, il-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan għandu jitqies bħala għajnuna ġdida *ad hoc,* li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvata.

#### 5.4.4. **Għajnuna addizzjonali fil-każ ta' emendi tal-Iskema**

(229) L-Artikolu 22.7 tal-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan jinkludi klawżola identika għal dik stabbilita fil-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið (ara l-premessi 198 sa 200 fir-rigward tad-dritt mhux kundizzjonali li ssir talba għal iktar għajnuna jekk l-Iskema tiġi estiża.

(230) Kif innotat fil-premessa 199 hawn fuq, tali dispożizzjoni tiggarantixxi lill-benefiċjarju d-dritt li jirċievi għajnuna lil hinn mill-għotja inizjali li tkun saret skont l-Iskema. Konsegwentement, tali għajnuna ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema. L-awtoritajiet Iżlandiżi kkonfermaw li jirrispettaw l-fehma tal-Awtorità li din l-applikazzjoni tal-Iskema mhix konsistenti mal-Iskema kif approvata u għalhekk impenjat ruħha li tħassar din id-dispożizzjoni mill-ftehim. Madankollu, l-awtoritajiet Iżlandiżi ma nnotifikawx din il-miżura *ad hoc* lill-Awtorità skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3.

(231) L-Awtorità tikkunsidra li kwalunkwe għajnuna mogħtija skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq, għandha tiġi kklassifikata bħala għajnuna operatorja, minħabba li mhix marbuta ma' investiment inizjali. Tali għajnuna operatorja hija *prima facie* inkompatibbli mal-Ftehim ŻEE, u l-Awtorità ma rċeviet ebda informazzjoni jew argumenti dwar għalfejn xorta tista' tkun kompatibbli. B'mod partikolari, l-għajnuna ma tingħatax fir-rigward ta' sett predefinit ta' nefqiet jew kostijiet eliġibbli, kif inhu stipulat fil-paragrafu 66 tal-RAG tal-2007.

#### 5.4.5. **Konklużjoni fir-rigward tal-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan**

(232) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan jikkonforma mal-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv stabbilita fl-RAG tal-2007 u li l-GMR Endurvinnslan kienet għalhekk eliġibbli sabiex tirċievi għajnuna skont l-Iskema.

(233) Barra minn hekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007, minħabba li la hemm referenzi għall-kostijiet tal-investiment eliġibbli, la għall-intensitajiet tal-għajnuna u lanqas għal-limitu massimu tal-għajnuna. Għalhekk, l-Awtorità tikkunsidra kwalunkwe għajnuna mogħtija skont il-Ftehim ta' Investiment GMR Endurvinnslan bħala li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE.

### 5.5. ***Konklużjoni***

(234) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-Ftehim ta' Investiment Verne, kien fit-totalità kollha tiegħu konkluż barra mid-dispożizzjonijiet tal-Iskema kif approvata mill-Awtorità, u għaldaqstant tikkostitwixxi miżura *ad hoc*. Il-valutazzjoni wriet li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Investiment Verne jipprevedi għajnuna li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(c).

(235) Barra minn hekk, għalkemm il-proġetti Thorsil, Kísilfélagið u GMR Endurvinnslan jissodisfaw il-kriterju tal-effett ta' inċentiv għal eliġibbiltà skont l-Iskema, il-ftehimiet rispettivi, ivvalutaw ukoll bħala miżuri *ad hoc* ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007, minħabba li la hemm referenzi għall-kostijiet tal-investiment eliġibbli, la għall-intensitajiet tal-għajnuna u lanqas għal-limitu massimu tal-għajnuna li dawn il-kostijiet għandhom jikkorrispondu għalihom. Il-ftehimiet jinkludu wkoll ċertu dispożizzjonijiet addizzjonali li jipprevedu għajnuna li għandha tingħata barra mill-Iskema. Għalhekk, l-Awtorità tikkonkludi li dawn il-ftehimiet jikkostitwixxu fit-totalità kollha tagħhom għajnuna mill-Istat inkompatibbli skont l-Artikolu 61(3)(c).

## 6. REKWIŻITI PROĊEDURALI

(236) Skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3, "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tiġi infurmata, fi żmien qabel biżżejjed sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe pjan biex tagħti jew tibdel għajnuna. L-Istat ikkonċernat ma jdaħħalx fis-seħħ il-miżuri proposti tiegħu sakemm il-proċedura tkun irriżultat f'deċiżjoni finali".

(237) L-awtoritajiet Iżlandiżi ma nnotifikawx l-alterazzjonijiet għall-Iskema li tressqu bir-Regolament Supplimentari, li jippermettu li tingħata għajnuna għal proġetti li fuqhom diġà nbeda x-xogħol qabel daħlet fis-seħħ l-Iskema. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi ma nnotifikawx il-Ftehimiet ta' Investiment Verne, Thorsil, Kísilfélagið u GMR Endurvinnslan lill-Awtorità, minħabba li kkunsidraw li dawn il-ftehimiet ta' investiment kienu jaqgħu taħt l-Iskema. Madankollu, minħabba l-konklużjoni tal-Awtorità fil-premessa 235 li dawn il-Ftehimiet ta' Investiment jaqgħu fit-totalità tagħhom barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema kif approvata, joħroġ li dawn il-ftehimiet kellhom jiġu nnotifikati lill-Awtorità sabiex jiġu vvalutati bħala miżuri *ad hoc*.

(238) Minħabba li l-emendi għall-Iskema jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li tista' tinqata' mill-Iskema, u l-Ftehimiet Verne, Thorsil, Kísilfélagið u GMR Endurvinnslan jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema approvata, fil-prinċipju kienu soġġetti għal rekwiżiti tan-notifika stabbiliti fl-RAG tal-2007.

(239) Għalhekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-awtoritajiet Iżlandiżi ma ħarsux l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ŻEE.

## 7. ASPETTATTIVI LEĠITTIMI U ĊERTEZZA LEGALI

(240) Il-prinċipji ġuridiċi fundamentali tal-aspettattivi leġittimi u ċ-ċertezza legali jistgħu jiġu invokati mill-benefiċjarji tal-għajnuna biex jisfidaw ordni għall-irkupru ta' għajnuna mill-Istat mogħtija illegalment. Madankollu, il-prinċipji japplikaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u impriża normalment ma jistax ikollha aspettattivi leġittimi li l-għajnuna hija legali sakemm tkun ingħatat f'konformità mal-proċedura għan-notifikazzjoni tal-għajnuna lill-Awtorità (jew il-Kummissjoni Ewropea). ([75]) Dan il-prinċipju ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja: "Fis-sitwazzjoni bħal dik tal-kawża inkwistjoni, l-eżistenza ta' ċirkostanza eċċezzjonali tista' tinżamm ukoll fid-dawl tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, minħabba li l-Qorti diġà qalet essenzjalment, li sakemm il-Kummissjoni ma ħaditx deċiżjoni li tapprova l-għajnuna, […] il-benefiċjarju ma jistax ikun ċert dwar il-legalità tal-għajnuna, bir-riżultat li wieħed ma jistax iserraħ la fuq il-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u lanqas dak taċ-ċertezza legali." ([76])

(241) Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li fil-prinċipju, aspettattiva leġittima li għajnuna hija leġittima ma tistax tiġi invokata sakemm dik l-għajnuna tkun ingħatat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3, ([77]) u rrimarkat li negozjant diliġenti normalment għandu jkun jista' jiddetermina jekk il-proċedura ġietx segwità jew le. ([78])

([75]) Kawża C-5/89 *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja* [1990] Ġabra I-3437, paragrafu 14; Kawża C-169/95 *il-Kummissjoni* vs *Spanja*, [1997] Ġabra I-135, paragrafu 51; Kawża C-24/95 *Land Rheinland-Pfalz* vs *Alcan Deutschland GmbH*, [1997] Ġabra I-1591, paragrafu 25.

([76]) Kawża C-1/09 *Centre d'Exportation du Livre Français (CELF), Ministre de la Culture et de la Communication v Société Internationale de Diffusion et d'Édition* [2010] Ġabra I-2099, paragrafu 53. Ara wkoll il-Kawża C-91/01 l-*Italja vs il-Kummissjoni* [2004] Ġabra I-4355, paragrafi 66 u 67.

([77]) Kawża C-5/89 *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja* [1990] Ġabra I-3437, paragrafu 14, Kawżi Magħquda C-183/02 P u C-187/02 P *Demesa u Territorio Histórico de Álava* vs *il-Kummissjoni* [2004] Ġabra I-10609, paragrafu 51.

([78]) Kawża C-5/89 *Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja* [1990] Ġabra I-3437, paragrafu 14, Kawża C-169/95 *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* [1997] Ġabra I-135, paragrafu 51.

(242) F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss benefiċjarju ta' għajnuna, li ngħatat illegalment, jista' jibbaża fuq aspettattivi leġittimi li l-għajnuna kienet legali sabiex jopponi l-ħlas lura tagħha. ([79]) Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li entità tista' tibbaża fuq il-prinċipju ta' protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi meta awtorità tal-Unjoni Ewropea wasslitha biex ikollha aspettattivi li huma ġustifikati. ([80])

(243) Skont l-awtoritajiet Iżlandiżi, l-uffiċjali tal-Awtorità li ltaqgħu fi Brussell fis-27 ta' Mejju 2011, taw l-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet Iżlandiżi u lil Verne biex jimpenjaw ruħhom fi ftehim rivedut, li jippermetti lil Verne tibbenefika mill-Iskema. Għalkemm l-awtoritajiet Iżlandiżi jirrikonoxxu li din it-tip ta' rappreżentazzjoni mill-Awtorità, jew mill-impjegati individwali tagħha, mhix kontestabbli skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-UE, huma talbu lill-Awtorità biex tikkunsidra dak li rriżulta mil-laqgħa msemmija qabel u tikkonkludi skont il-każ li ġiet stabbilita l-kompatibbiltà tal-Ftehim ta' Investiment Verne mal-Iskema.

(244) L-Awtorità taqbel mal-awtoritajiet Iżlandiżi li wieħed ma jistax jibbaża fuq id-dikjarazzjonijiet minn uffiċjal tal-Awtorità waqt laqgħa informali bħala argument għall-kompatibbiltà tal-għajnuna u ma joħolqux aspettattivi leġittimi fost il-benefiċjarji. L-Awtorità għandha kompetenza esklussiva biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mal-Ftehim ŻEE. Sakemm l-Awtorità tkun adottat deċiżjoni finali dwar miżura identifikata, il-miżura inkwistjoni ma ġietx approvata bħala kompatibbli mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim ŻEE. Sal-lum l-Awtorità ma ħadet ebda deċiżjoni li tapprova l-għajnuna reġjonali lil Verne.

(245) Barra minn hekk, l-Awtorità tirrifjuta l-pretensjoni tal-awtoritajiet Iżlandiżi li tat l-approvazzjoni tagħha lil Verne biex tirċievi għajnuna reġjonali skont l-Iskema kif approvata. L-Awtorità, fil-korrispondenza tagħha mal-awtoritajiet Iżlandiżi qatt ma indikat li l-proġett Verne jista' jkun eliġibbli biex jirċievi għajnuna reġjonali. Għall-kuntrarju, l-Awtorità, mill-2010, kull meta saru d-diskussjonijiet ta' prenotifika dwar il-proġett Verne, esprimiet dubji dwar jekk ġiex issodisfat it-test tal-effett ta' inċentiv. Permezz tal-ittra tal-31 ta' Marzu 2010, l-Awtorità esprimiet dubji dwar jekk l-awtoritajiet Iżlandiżi wrewx l-effett ta' inċentiv reali tat-taxxa differenti u l-konċessjoni tal-imposta prevista fil-ftehim ta' investiment tal-2009. L-Awtorità ċċarat ukoll li l-awtoritajiet Iżlandiżi ma ppreżentawx dokumentazzjoni biex juru li huma ħarġu ittra ta' intenzjoni biex jagħtu l-għajnuna qabel jibda x-xogħol fuq il-proġett, u li l-informazzjoni li huma ppreżentaw indikat li x-xogħol fuq il-proġett beda xi żmien qabel li l-benefiċjarju u l-awtoritajiet Iżlandiżi daħlu f'diskussjonijiet rigward ftehim ta' investiment. Kif innotat hawn fuq fil-premessa 153, l-awtoritajiet Iżlandiżi iktar tard irtiraw il-ftehim tal-2009 u fis-27 ta' Settembru 2011 kkonkludew ftehim ieħor ma' Verne, sabiex il-proġett jiġi kopert taħt l-Iskema. Il-Ftehim ta' Investiment Verne ma kienx innotifikat lill-Awtorità u konsegwentement ma kienx approvat bħala kompatibbli mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim ŻEE.

(246) Għalhekk, l-Awtorità ma tistax taċċetta li argumenti relatati ma' ċertezza legali jew aspettattivi leġittimi jistgħu jkunu validi f'dan il-każ, b'mod partikolari fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-applikabbiltà wiesgħa tal-Artikolu 61 taż-ŻEE u l-Artikolu 107 TFEU.

## 8. IRKUPRU

(247) Għajnuna mogħtija mingħajr ma tiġi nnotifikata lill-Awtorità tikkostitwixxi għajnuna illegali skont it-tifsira tal-Artikolu 1(f) tal-Parti II tal-Protokoll 3. Mill-Artikolu 14 tal-Parti II tal-Protokoll 3 jirriżulta li l-Awtorità tiddeċiedi li għajnuna llegali, li hija inkompatibbli mal-għajnuna mill-Istat skont il-Ftehim ŻEE għandha tiġi rkuprata mill-benefiċjarji, sakemm din tkun tmur kontra l-prinċipju ġenerali tad-dritt, skont l-Artikolu 14 tal-Parti II tal-Protokoll 3. L-awtoritajiet Iżlandiżi u l-benefiċjarji tal-għajnuna ma ssottomettew ebda argument li jiġġustifika devjazzjoni ġenerali mill-prinċipju ġenerali tal-liġi.

(248) L-obbligu fuq Stat li jneħħi għajnuna inkompatibbli huwa maħsub għall-finijiet li terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni eżistenti preċedentement. ([81]) Billi jħallsu lura l-għajnuna, il-benefiċjarji jitilfu l-vantaġġ li kienu jgawdu fuq il-kompetituri tas-suq tagħhom fis-suq, u titreġġa' kemm jista' jkun is-sitwazzjoni qabel il-ħlas tal-għajnuna. ([82])

([79]) Kawżi Magħquda C-183/02 P u C-187/02 P *Demesa u Territorio Histórico de Álava* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-10609, paragrafu 51.
([80]) Kawża T-290/97, *Mehibas Dordstelaan* vs *il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-15 u Kawżi C-182/03 u C-217/03, *Il-Belġju u Forum 187 ASBL* vs *il-Kummissjoni* [2006] ECR I-05479, paragrafu 147.
([81]) Kawżi Magħquda C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs il-Kummissjoni* [1994] Ġabra I-04103, paragrafu 75.
([82]) Ara l-Kawżi Magħquda E-17/10 u E-6/11 *Il-Prinċipalità ta' Liechtenstein u VTM Fundmanagement* vs *l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA* [2012] EFTA rapport tal-Qorti, p. 117, paragrafi 141-142.

(249) L-irkupru ta' għajnuna mill-Istat li mhux dovuta jinkludi l-imgħax kompost, f'konformità mal-Artikolu 14(2) tal-Parti II tal-Protokoll 3 u l-Artikoli 9 u 11 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004. ([83])

(250) L-awtoritajiet Iżlandiżi s'issa pprovdew informazzjoni limitata dwar l-ammont ta' għajnuna mogħtija skont ir-Regolament Supplimentari u l-ftehimiet ta' investiment. Barra minn hekk, dawn ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni dwar id-dati li fihom l-għajnuna kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji. Għalhekk, l-Awtorità fil-preżent mhix f'pożizzjoni li tiddetermina l-ammonti reali li għandhom jiġu rkuprati mill-benefiċjarji.

(251) L-awtoritajiet Iżlandiżi għandhom jibagħtu lill-Awtorità rapport xieraq dwar il-progress tagħhom biex jirkupraw l-għajnuna u għandhom jispeċifikaw b'mod ċar il-miżuri reali li ttieħdu sabiex l-għajnuna tiġi rkuprata b'mod immedjat u effettiv. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi għandhom, fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, jibagħtu d-dokumenti li jippruvaw li għaddej l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mill-benefiċjarji (eż. ċirkolari, ordnijiet ta' rkupru maħruġa, eċċ.).

## 9. KONKLUŻJONI

(252) L-Awtorità tikkonkludi li l-awtoritajiet Iżlandiżi implimentaw b'mod illegali l-għajnuna mogħtija skont ir-Regolament Supplimentari (u l-Ftehim ta' Investiment Becromal bħala konsegwenza), bi ksur tal-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3. Din l-għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE u għandha tiġi rkuprata sakemm din tkun tħallset.

(253) L-Awtorità tikkonkludi li l-awtoritajiet Iżlandiżi implimentaw b'mod illegali l-għajnuna mill-Istat *ad hoc* mogħtija skont il-Ftehim ta' Investiment Verne bi ksur tal-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3. Din l-għajnuna hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE u għandha tiġi rkuprata sakemm din tkun tħallset.

(254) Rigward il-ftehimiet ta' investiment ma' Kísilfélagið, Thorsil u GMR Endurvinnslan, l-Awtorità tikkunsidra li għalkemm it-tliet proġetti jissodisfaw il-kriterju tal-effett ta' inċentiv għall-eliġibbiltà skont l-Iskema, il-ftehimiet ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-RAG tal-2007, minħabba li fihom m'hemmx la referenzi għal kostijiet tal-investiment eliġibbli, la l-intensitajiet tal-għajnuna u lanqas il-livell massimu tal-għajnuna, u għaldaqstant jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli *ad hoc* skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE u l-RAG tal-2007. Barra minn hekk, dawn il-ftehimiet jinkludu ċerti dispożizzjonijiet, b'mod partikolari l-Artikoli 22.8 tal-Ftehim ta' Investiment Kísilfélagið, 15.3 tal-Ftehim ta' Investiment Thorsil u 22.7 tal-Ftehim ta' Investiment GMR, li jipprevedu għajnuna li għandha tingħata barra mill-Iskema approvata. Dawn id-diżpożizzjonijiet jipprevedew ukoll għajnuna li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(c) u l-RAG tal-2007. Kwalunkwe għajnuna *ad hoc* mogħtija abbażi ta' dawn il-ftehimiet għandha tiġi rkuprata sakemm din tkun tħallset.

(255) Fl-aħħar nett, huwa nnotat li l-miżuri ssuġġeriti mill-awtoritajiet Iżlandiżi fil-premessi 52 u 53 hawn fuq, mhumiex tali li jpoġġu lill-Awtorità f'pożizzjoni li teskludi inkompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni f'dan il-każ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali li tikkonċerna l-Iskema ta' Inċentivi għall-Investiment fl-Iżlanda, b'emendi nnotifikati mill-awtoritajiet Iżlandiżi, permezz ta' dan hija magħluqa.

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar il-Ftehim ta' Investiment Marmeti permezz ta' dan hija magħluqa.

([83]) Kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 789/08/COL tas-17 ta' Diċembru 2008, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ Nru 195/04/COL dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 27 fil-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-formoli standard għan-notifika tal-għajnuna (ĠU L 340, 22.12.2010, p. 1, u s-Suppliment ŻEE Nru 72, 22.12.2010, p. 1).

*Artikolu 2*

Ir-Regolament Supplimentari jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont it-tifsira tal-Artikolu 61(3) tiegħu.

*Artikolu 3*

Il-Ftehim ta' Investiment Becromal jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont it-tifsira tal-Artikolu 61(3) tiegħu.

*Artikolu 4*

Il-Ftehim ta' Investiment Verne jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont it-tifsira tal-Artikolu 61(3) tiegħu.

*Artikolu 5*

Il-Ftehimiet ta' Investiment Kísilfélagið, Thorsil u GMR Endurvinnslan ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskema kif approvata bid-Deċiżjoni Nru 390/10/COL, minħabba li l-ftehimiet la jinkludu referenzi għall-kostijiet tal-investiment eliġibbli, la għall-intensitajiet tal-għajnuna u lanqas għal-limitu massimu tal-għajnuna.

Il-Ftehimiet ta' Investiment Kísilfélagið, Thorsil u GMR Endurvinnslan jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat *ad hoc* li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont it-tifsira tal-Artikolu 61(3) tiegħu.

*Artikolu 6*

L-awtoritajiet Iżlandiżi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupraw mill-benefiċjarji l-għajnuna msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 li kienet saret disponibbli għalihom illegalment.

L-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandu jkollha l-imgħax kompost mid-data li fiha kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji, sad-data tal-irkupru reali tagħha.

*Artikou 7*

L-irkupru tal-għajnuna huwa immedjat u effettiv b'konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali.

L-awtoritajiet Iżlandiżi għandhom jiżguraw li l-irkupru tal-għajnuna jiġi implimentat fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

L-awtoritajiet Iżlandiżi għandhom jikkanċellaw kwalunkwe ħlas pendenti tal-għajnuna msemmija fl-Artikoli 3 sa 5, b'effett mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 8*

L-awtoritajiet Iżlandiżi, fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jissottomettu l-informazzjoni li ġejja lill-Awtorità:

(a) L-ammont totali (interessi prinċipali u ta' rkupru) li għandu jiġi rkuprat mill-benefiċjarji;

(b) Id-dati li fihom is-somom li għandhom jiġu rkuprati tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji;

(c) Rapport iddettaljat dwar il-progress li sar u l-miżuri li diġà ttieħdu biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni,

(d) Dokumenti li jipprovaw li għaddej l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mill-benefiċjarji (eż. ċirkolari, ordinijiet ta' rkupru maħruġa eċċ.).

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Iżlanda.

*Artikolu 10*

Il-verżjoni bil-lingwa Ingliża biss ta' din id-Deċiżjoni hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Oda Helen SLETNES
*President*

Helga JÓNSDÓTTIR
*Membru tal-Kulleġġ*

## RETTIFIKA

**Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej L 395 tat-30 ta' Diċembru 1989)*

*(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, kapitolu 6, Volum 1, paġna 246)*

F'paġna 248, fl-Artikolu 5:

*minflok:* "L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ, qabel l-1 ta' Diċembru 1991,";

*aqra:* "L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ, qabel il-21 ta' Diċembru 1991,".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT